


MAIN LIBRARY

# il - polz

organu tal - moviment qawmien letterarju

għadd 25, Sett.-Diċ. 1973

# il-polz

organu tal-moviment qawmien letterarju

għadd 25, Sett-Dic. 1973

**Editorjal**

## min hu kittieb tassew

*Ma jista' jistagħġeb ħadd jekk ngħidu li l-kittieba maltin li huma tassew kittieba huwa ftit. Ma nistennewx li jkunu ħafna, għaliex mhix ħaġa ħafifa tkun kittieb veru. Nafu mill-istudju li meta jgħaddu s-snin il-kbar, l-għarbiel tal-istorja u tal-valuri għoljin isaffi kollox u jibqgħu biss ftit ismijiet minn fost ruxxmata sħiħa. Dan ukoll jiġri fil-ġrajja letterarja maltija, minkejja t-tbatija tal-ftit kritiċi biex isaffu l-qamħa mis-sbula, u biex juru bil-ħaqq kollu fejn hu l-ftit tajjeb u fejn hu l-ħażin li ma jispiċċa qatt.*

*Nafu li mhux lakemm titkellem ċar u tond, bi kriterji ġusti, fil-qasam letterarju Malti. Bosta ma jilqgħux kritika, u oħrajn jifhmu li l-letteratura hi xi logħba li timla l-paġni, bħallikieku mbagħad ma jistax jiġi min hu kapaċi li jaqsam, jifred, u jislet biċċa biċċa dak li minn barra jidher sħiħ u f'saħħtu. Malta teħtieġ għadd ta' kritiċi profondi li jitkellmu kif imiss, bla biża' li jdarrsu lill-kittieba, bi kriterji li jqiegħdu kollox u lil kulħadd fuq il-livell universali, u mhux fuq il-livell magħluq ta' gżira żgħira. Jisgħobbina ngħidu li hawn kittieba li ma jaqblu xejn ma' dan u jifhmu li fil-medjokrità jistgħu jsaltnu. Iżda ż-żmien għandu l-ħaqq, u dak li ma jagħmilx il-kritiku tal-lum għax jibża', jagħmlu l-kritiku tal-ġejjieni li m'hu marbut b'ebda ħbiberija mal-mejtin.*

*Tkellimna sikwit fuq dan il-punt, u l-għaqda tagħna taf tajjeb xi tfisser tiġġieled kontra l-medjokrità. Sikwit ikollna nagħalqu għajnejna, iżda ebda għaqda serja, ebda programm tajjeb, ebda paġna letterarja f'ġurnal, u ebda ħaddieħor ma jista' jibqa' jħalli din il-mewġa ta' kitba ta' nofs kedda tgħarraq magħha dak li hu tajjeb. It-tajjeb jeżisti u rridu nieħdu ħsiebu għax il-finezza tiegħu ttebbgħu malajr. Nemmnu fl-inkuraġġiment tal-kittieba, iżda l-inkuraġġiment ma jfissirx ix-xandir ta' xogħlijiet bla siwi, u lanqas l-għoti ta' ġudizzji ħżiena. L-arti vera ma tiġix bl-inkuraġġiment iżda bil-ħila. L-istess bħal min iħallat il-flus ma' l-arti: ikun iħallat l-interessi ta' butu ma' l-interessi dejjiema li ma jinxtrawx.*

*Nissuġġerixxu reqqa akbar fl-għażla tax-xogħlijiet għax-xandir fuq kull mezz ta' komunikazzjoni. Nissuġġerixxu iżjed sinċerità u saħħa intellettwali fir-reċensjonijiet rotob li jixxandru. Nissuġġerixxu tħejjija għolja, serja, bla waqfien, mill-kittieba nfushom. Il-qofol tal-arti jinsab fil-ħajja nnifisha, fil-bniedem li jgħix; iżda l-esperjenza m'hix biżżejjed biex issir arti. Jidħol il-ġenju li minn dak li jgħarrab kulħadd, bla eċċezzjoni, jaf joħloq bis-sengħa li ma tiġix ħlief bis-saħħa teknika, intellettwali u spiritwali ta' min huwa kittieb tabilħaqq. Sinjal tajjeb li jiżdiedu l-kittieba, għax minnhom se jibqa' xi ħaġa; iżda jkun aħjar li kulħadd iqis elf darba qabel jikteb kelma li mbagħad ma jistax iħassarha.*

indirizz editorjali:
6 Gemini Court, Triq il-Ġdida wara Triq Ħal-Qormi — B'Kara

**bord editorjali:**

**Oliver Friggieri**

**V.M. Pellegrini**

**Vanni Riolo**

**Riratt tal-qoxra (meħud minn Carmel Attard): il-post il-ġdid tal-Moviment, 86, triq l-Ifran, Valletta. Il-M.Q.L. jiżżiħajr lill-ministru ta' l-Edukazzjoni, is-sinjorina Agatha Barbara, lill-onor. ministru tal-Bini Pubbliku, Dr. Patrick Holland, u lill-onor. Dr. Emmaneul Bonnici għall-għajnuna sħiħa tagħhom fil-ksib ta' dan il-post.**

# john milton: xi riflessjonijiet

minn F.X. MANGION

L-ewwel impressjoni tiegħi, jien u naqleb **Paradise Lost** kienet tas-swied ta' qalb kbir tal-poeta, niket imliġġem minn riedni qawwija, imma li dejjem qiegħed hemm. Dan-niket daqqiet jixref fil-beraħ, bħal, 'ngħidu aħna, meta Milton jindirizza lid-Dawl fil-bidu tat-Tielet Ktieb. Il-karba fil-versi fejn jitnieħed fuq it-telfien tad-dawl, fih li fl-istudju kien isib il-hena ta' ħajtu u li kien jgħaddi ħafna miż-żmien tiegħu jifli n-natura u l-ħajja ta' madwaru, tassew tislet il-qalb:

'Fin-newba jerġgħu l-istaġuni, imma
Għalija l-jum ma jisbaħ qatt: il-għodwa,
Inżul ix-xemx sabiħ, in-nwar rebbiegħi,
Il-ward tas-sajf, il-ħrief jimirħu, l-baqar,
U wiċċ il-bniedem, xbiha t'Alla, għosfru
Għalija — sfajt midfun fis-sħab tal-lejl
Bla sebħ......'

(Ġ.M. III, 42-8)

Ta' sikwit dan in-niket inħossuh fil-leħen tal-persunaġġi bħal Satna:

'Hu dan il-qasam, dina l-art, di' l-klima'
Tnihed l-Arkanġlu mġarraf, 'din l-għamara
Illi mal-Ġenna jkollna nbiddlu?'

(Ġ.M. I, 257-9)

U nistgħu nagħtu eluf ta' eżempji oħra, għax it-telfa tal-Ġenna — it-traġedja ta' l-umanità — għal Milton li kien Puritan u jemmen l-istejjer tal-Bibbja kif inhuma u wkoll jistħajlu profeta b'xufftejh 'mimsusa bin-nar ta' l-artal imqaddes', il-waqgħa tal-bniedem kienet diżastru li minnu ftit wisq jirnexxilhom iqumu, anki wara l-Fidwa.

Imma f **Il-Ġenna Mitlufa,** in-niket ta' Milton, għalkemm kbir bla tarf, huwa dejjem miżmum b'rażna ħelwa u mirqum bi sbuħija lirika. Il-għama tiegħu huwa kawża ta' swied u ta' dwejjaq, iżda mhux ta' wġigħ u ta' disprament. Il-poeta għadu jemmen li qed jaqdi dmiru mill-aħjar li jista', għalkemm 'it-talent' li Alla fdalu hu 'midfun' ġo fih. Milton, iż-żagħżugħ ta' **Il-Bniedem Ferrieħ,** ta' **Il-Bniedem tal-Ħsieb,** u ta' **Liċida** wkoll (għax in-niket tal-poeta f'din l-aħħar poeżija aktarx artifiċjali u mhux swied il-qalb tassew) għandu bixriet ta' serjetà u ta' allegrija li jalternaw, u wieħed iħoss li l-poeta il-ħin kollu qed ifittex il-hena, hena għoli u safi ta' żagħżugħ mitluf wara l-għaxqiet ta' l-istudju, tan-natura u ta' l-arti. Fil-medd tat-tnax-il ktieb ta' **Il-Ġenna Mitlufa,** in-niket tal-poeta ma jħallih qatt: ma jdoqqx bil-battuta mġebbda u tqila ta' **Paradise Regained,** imma anqas fih il-għajta ta' wġigħ, biex ma ngħidx dispraṁent, ta' Sansun f'**Samson Agonistes.** Wieħed jista' jqabbel il-mewġa tan-niket li tinħass fis-sunett **Bla Dawl! (On His Blindness)** fejn nota ta' rassenjazzjoni ma tonqosx, man-niket imliġġem ta' l-innu tiegħu lid-Dawl li minnu tajna silta aktar 'il fuq, u l-għajta ta' Sansun f'din is-silta minn **Sansun Agonista:**

'O telf tad-dawl, ingemgem l-aktar minnek!
Il-għama qalb l-għedewwa agħar mill-ktajjen,
Mill-ħabs, mill-faqar, u mis-snin għaġġieża!
Id-dawl li fost l-għemejjel t'Alla hu l-ogħna

Għalija mitfi, u għaxqiet bennietu,
Li forsi kienu din id-dieqa jtaffu,
Imxejna għal kollox. Jien fost il-bnedmin,
U fost id-dud, sirt l-agħar, għax l-inqas fosthom
Hu aqwa minni: huma fl-art jitkaxkru,
Imma jaraw; jien biss fl-eqqel tan-nhar
Bla dawl, espost għall-qerq, u, ġewwa u barra,
Imżeblaħ, mixli, u magħdud ta' ibleh,
Dejjem maħkum mill-flien u qatt għal rajja —
Nitqandel donni ġisem nofsu mejjet.
O dalma, dalma, dalma taħt ix-xemx
Ta' nofs in-nhar: O dalma ta' bla tmiem,
Eklissi sħiħ bla tama ta' żerniq.'

(S.A. vv 66-82)

Impressjoni oħra, li ħadt meta qlibt **Paradise Lost** u li qablet ma' l-ideja li kont iffurmajt mill-qari ta' kritka, bijografiji u ta' xogħlijiet oħra ta' Milton, fosthom ta' **Samson Agonistes**, hi li l-ewwel żwieġ tiegħu (ma' Mary Powell, fl-1642) ippreġudikah kontra n-nisa: ta' ħamsa u tletin sena iżżewweġ tifla ta' familja tal-partit tar-Re Stwrdu (**'Royalist'**) li telqitu bħall-erbgħa fost il-ġimgħa; u, għalkemm iżżewweġ darbtejn oħra (lil Katherine Woodcock u lil Elizabeth Minshull, u mat-tnejn kellu għalfejn ikun kuntent) qatt ma nesa l-għajb li l-ewwel mara kienet ġibitlu. Sena wara ippubblika **The Doctrine and Discipline of Divorce**, u mhux ta' b'xejn f'**Il-Ġenna Mitlufa** u f'**Sansun Agonista** niltaqgħu ma' versi fejn jagħdab kontra l-mara:

'O għaliex Alla, għajn il-għerf, li jgħammar
Bi spirti rġiel il-ogħla sema għoġbu,
Ried joħloq fl-aħħar din il-ħaġa ġdida
Fuq l-Art, din iż-żelluma tan-Natura,
Dad-diffett ħlejju u ma meliex id-dinja
F'daqqa b'irġiel, bla nisa, jew xort'oħra
Sab kif inissel ġens il-bniedem?......

(Ġ.M. X, 910-16)

Fuq spallejn il-mara jqiegħed 'il-ħsara kollha li għad issir'; u f'**Sansun Agonista**, fix-xena fejn Dalila tiġi biex tersaq lejh u titolbu maħfra, iweġibha b'leħen ta' stmerr kbir u ma jħallihiex inqas biss tmisslu idu:

'Mill-bogħod naħfirlek; mur għal xogħlok hekk.'

Biex wieħed jifhem x'kien ifisser għal Milton il-għajb ta' martu meta telqitu irid l-ewwelnett jistudja ftit il-karattru tiegħu. Missieru kien iħobbu għall-mewt, fissdu u ħassru; u sakemm iżżewweġ lil Mary Powell, il-kelma tiegħu ma kien jiksirhielu ħadd: kien jagħmel li jrid, u aktarx mingħajr ma jaħsibha wisq. Wara li ġie lura mill-Italja, fejn missieru kien ġabarlu kemxa sewwa biex imur (u fejn sar iħobb sinjura Taljana li lilha kiteb ħames sunetti bit-Taljan), Milton ma marx joqgħod ma' missieru f'Horton imma għalih Londra. Hawn beda jagħti l-lezzjonijiet privati lit-tfal t' oħtu u lil oħrajn ta' ħbieb tiegħu, u dam hekk 'igħallem u jitgħallem' xi erba' snin. Jum wieħed, bla ma qal lil ħadd fejn sejjer, telaq u dam barra mid-dar għal xi xahar; u, jgħidilna Philips, 'dak li ħareġ għażeb reġa' lura raġel miżżewweġ'. Mal-mara, tifla ta' xi sbatax-il sena, ġew ħafna ħbieb, u dar Milton, li qabel kienet hekk siekta, bdiet tidwi bil-festi u t-tbaħrid, għax Milton, Puritan u għalliem iebes u

strett ftit żejjed, kien iżżewweġ bint Kavalier (kif kienu jissejħu dawk tal-partit tas-Sultan Stwardu). Meta għaddew il-ftit jiem ta' xalar, id-dar żgħira u kwieta, wara waħda kbira u mimlija ħajja, lil din it-tifla qatgħetilha nifsha: moħħ jilħqilha wisq ma kellhiex; żewġha wisq ikbar minnha jgħallem u jistudja biss, u ta' bixra aktarx qarsa u mqita. Ma damitx ma talbet lil żewġha jħalliha tmur tara 'l familja tagħha: Milton ħallieha tmur, basta terġa' lura wara xi xahar jew tnejn. Iż-żmien għadda, u Mary ma dehritx. Milton kitbilha darba, tnejn, tlieta, imma hi ma weġbitx; fl-aħħar bagħtilha messaġġier, u dan milli jidher ġie milqugħ ħażin.

Milton qatagħha li jinfatam mill-mara għal dejjem, webbes qalbu, u ħeba l-weġgħa billi ntafa' b'ruħu u ġismu fit-tagħlim u fil-kitba; imma ma seta' qatt jemmen li naqra ta' tifla kellha teqaflu u tnizżillu l-għalla b'dak il-mod. Wara, meta s-Sultan tilef, u l-Kavalieri tiegħu, fosthom nies martu, kienu ftaqru biex igħinuh, Milton li kien partitarju ta' Cromwell u miġjub tajjeb ħafna, laqa' lil martu u lil niesha f'daru. Mary kienet talbitu maħfra fid-dar ta' wieħed ħabib, fejn sabha mingħajr ma qalulu xejn. Kien hemm ftit ta' l-inkwiet għall-ewwel. Ma nistgħux ma niftakrux f'din ix-xena meta f'**Il-Ġenna Mitlufa** (Ktieb X, 890 u ta' wara) nisimgħu 'l Adam u 'l Eva:

> 'Warrab minni, serpent, għaliex dan l-isem
> L-aktar jixraqlek......
> '......imma Eva
> Bid-dmugħ iċarċar u bin-nokkli mħabbla,
> Tbaxxiet u riġlejh għannqet, lilu talbet
> Biex jieqaf, u ssoktat bit-tnehid tagħha:
> 'La titlaqnix, Adam,.........
> ............jien mingħajrek
> Għid fejn immur u kif ingħix? Fadlilna
> Forsi biss siegħa ħajja; ħalli l-paċi
> Issaltan fostna'.

Milton laqa' lilha u 'l niesha, u d-dar imtliet, għax hu kellu 'l missieru u l-istudenti tal-privat ukoll joqogħdu miegħu. Għal għoxrin sena għex, jikteb ktieb wara l-ieħor u bħala segretarju tal-Latin fil-gvern ta' Cromwell. Ix-xogħol irqiq tal-kitba bla ma jaqta' fl-aħħar għemieh għal kollox: kiteb is-sunett **Bla Dawl!** meta kellu tlieta u erbgħin sena. Fl-istess sena mietet Mary, issa li l-iktar kien jeħtieġ għajnuna ta' mara; u l-bniet li kellhom għax it-tifel, John, kien miet, ma kien hemm ħadd min jieħu ħsiebhom sakemm Milton ma reġax iżżewweġ. Il-mara li ħa, Katherine Woodcock, kienet tħobbu, u fid-dar tiegħu ma damitx ma ġiebet l-ordni u l-paċi; imma mietet wara ħmistax-il xahar. Hekk Milton reġa' sab ruħu waħdu, f'imbarazz agħar minn ta' qabel. Ma' Katherine Woodcock kien kuntent u l-firda minnha ħassha wisq. Nagħti hawn is-sunett (l-aħħar li Milton kiteb) li, ħafna jgħidu, ifakkar ħolma li kellu ta' Katherine:

**Sunett 23.**

> Deherli li rajt lill-aħħar mara lejja
> Riesqa mill-qabar bħal Alċesti, meta
> Lil żewġha fl-akbar ferħ 'ngħatat bis-setgħa
> Ta' bin Ġove, ftit sfajra u mkedda bl-għeja.
> Marti, maħsula minn kull nikta ġejja
> Mit-tqala tat-twelid, pura u msoffija
> Skond il-liġi tal-qedem, dawl mogħnija,

Kif nitma li naraha fis-sema ħdejja.
Ġiet liebsa l-abjad, lewn is-safa u d-dija,
Wiċċha mistur, imma f għajnejja jfernaq
Nar ta' mħabba, ta' ħlewwa u ta' tjubija
F'għaxqa li l-wiċċ ta' bniedem qatt ma merżaq.
'Mma biex tgħannaqni x'ħin rajtha milwija,
Stenbaħt, hi ħarbet, u jum lejli żernaq.

Imma ż-żmien li għadda ma' mara tassew tħobbu kien qasir wisq biex imewwet għal kollox il-ħajja li kellu jqatta' ma Mary Powell u l-bniet imqarbin li ħallietlu wrajha. Beda jikteb **Il-Ġenna Mitlufa**, li kellha tkun ix-xogħol li għalih kien ilu jħejji ruħu ħajtu kollha; għama, f'infern ta' dar, ikollu jitlob lil ħaddieħor biex jiktiblu dak li jiddettta. Biex tagħqad, Cromwell miet, u, billi ibnu ma kienx kapaċi jmexxi, innies talbu d-dinastija tar-rejiet Stwardi terġa' tkun imwaqqfa. Milton kellu jmur jinħeba, il-kotba tiegħu ġew maħruqin mill-boja; u, għal xi żmien, daq il-ħabs. Ħeles ma damx, u irtira d-dar, li kienet infern. Imfaqqar, abbandunat, uliedu l-bniet (li qatt ma kienu jħobbuh, anqas meta kien fih xi sold) ma ħallewlux sliem. Kienu jqarrqu bih fil-flus tal-ħajja, ibigħulu l-kotba bil-moħbi, ma joqogħdulux biex jiktbu meta kienet tiġih il-ħajra li jikteb, u f elf mod ieħor iħarrxulu qalbu għall-mara. Imma biex jeħles mill-infern li kien fih, għal mara kellu jaqa', u żżewweġ għat-tielet darba (1663). Martu kienet Elizabeth Minshull, mara siekta u ta' l-affari tagħha li malajr sabet irkaptu tal-bniet (qabbdithom jaħdmu!) u reġġgħet il-paċi fid-dar. Hekk flaħħar snin Milton seta' jikteb l-aqwa xogħlijiet tiegħu, u ma damx ma temm u ta d-dawl 'il-**Paradise Lost.**

Ma' Elizabeth Minshull forsi l-aktar li kellu jkun kuntent, għax din kienet sieħba li tifhmu u toqgħod għall-bżonnijiet tiegħu. Imma l-għajb li kien ġarrab minn Mary Powell ma nsieh qatt, u dak li nsibu fuq il-mara, l-aktar f'**Samson Agonistes,** huwa l-aħħar opinjoni tiegħu. Wara li jkeċċi 'l Dalila li tmur titolbu maħfra, Sansun joqgħod jisma' l-Kor jitkellem fit-tul fuq il-misterju tal-mara, li l-imħabba tagħha ma tintrebaħx bil-mertu, u li fin-natura tagħha hi qarrieqa. Il-Kor juri mbagħad kemm il-mara hija inferjuri għar-raġel, u jiġi fil-konklużjoni:

'Għalhekk il-liġi universali t'Alla
Tat lir-raġel kull setgħa
Fuq martu biex ikollha l-biża' tiegħu.'

L-ideja tal-mara Milton kien ġabarha mill-qari bla tarf tiegħu, mill-ideal tannisa Rumani, kienet imħawda mill-mudelli Kavalleriski taż-żminijiet tan-nofs u forsi wkoll mill-figura tal-Madonna: insomma ftit u xejn kellha rabtiet mal-mara tad-demm u l-laħam. Mary Powell, ftit stupida, wisq iżgħar minnu, ta' xorta ta' ħajja m'għandha x'taqsam xejn ma' tiegħu, kienet għażla għal kollox ħażina. Il-mod li mxiet miegħu saħħaħlu l-ideja li l-mara hija għal kollox inferjuri, difettuża, u perikoluża jekk ma żżommhiex dejjem u f'kollox — sewwa meta tidħak u sewwa meta tibki — taħt ilġiem sod. Iż-żwieġ ma' Mary Powell kien l-ewwel kawża tad-dwejjaq li ma jaqtgħu qatt tiegħu, kellu parti ewlenija fit-traġedja ta' ħajtu, u ta l-lewn li għandhom **'Il-Ġenna Mitlufa** u 'l **Sansun Agosnista.**

---

**Għaqqad is-sensiela IL-POLZ u SAGHTAR**

---

# movimentqawmien letterarju -- laqgħa ġenerali - 1973

## SAGĦTAR ACCOUNTS

The following Trading and Profit and Loss Accounts and Balance Sheet for the years 1971/73 which include Sagħtar Nos. 1/19 and the issues of "Dun Karm", "Rużar Briffa" and "Mill-Ġnejna Maltija" have been made out from the financial books held by the wife of Sagħtar's former editor Mr. Mario Azzopardi.

### Trading A/c

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | By Cash Sales ... ... ... ... ... | | £3873.525 |
| To Printing ... ... ... ... ... ... | | £3368.975 | ,, Cash Adverts ... ... ... ... ... | | 728.250 |
| ,, Blocks ... ... ... ... ... ... | | 128.550 | ,, Cr. Sales ... ... ... | £246.350 | |
| *Remuneration to Board Members:* | | | ,, Cr. Adverts ... ... | 105.225 | |
| Mario Azzopardi, | | | ,, Cr. Adverts ... .. | 129.000* | 480.575 |
| Jane Azzopardi ... | £225.000 | | | | |
| Oreste Calleja ... | 61.000 | | ,, Subscriptions ... ... ... ... | | 1.275 |
| Oliver Friggieri ... | 27.000 | | ,, Stock at end ... ... ... ... | | 15.000 |
| Denis Agius ... ... | 9.000 | | | | |
| Richard Vella ... | 4.000 | 326.000 | | | |
| ,, Gross Profit c/d ... ... ... | | 1275.100 | | | |
| | | £5098.625 | | | £5098.625 |

*N.B. This sum (£129.000) represents a considerable number of adverts which have been left unaccounted for; i.e. undeclared either unpaid or cancelled. (?)

### Income and Expenditure A/c

| | | | |
|---|---|---|---|
| To Bank Charges ... ... | £ 2.045 | By Gross Profit on Sales ... .. | £1275.100 |
| *Commission from Adverts* | | | |
| Mario & Jane Azzopardi ... | 122.925*(3) | *(3) No such commission has ever been authorized by Committee. | |
| *Commission from Union Press* | | | |
| Mario Azzopardi ... ... ... | 7.000 | | |
| Mario Azzopardi, Oreste Calleja, Oliver Friggieri ... ... ... | 19.350 | | |
| To Postage Stamps ... ... | 725 | administered by Mr and Mrs Azzopardi | |
| ,, Stationery ... .. ... | 27.067 | | |
| ,, Sundry Expenses ... ... | 83.325 | | |
| To Lapida "Rużar Briffa" ... | 53.500 | | |
| ,, *Sundry Expenses paid to:—* | | | |
| ,, Oliver Friggieri .. ... | 38.400*(1) | *(1) This amount represents the cost of 1000 copies of "Dun Karm" issue and the cost of printing blocks and other expenses. | |
| ,, Mario Bezzina ... ... | 36.400*(2) | | |
| ,, Oreste Calleja ... ... | 31.450 | | |
| ,, Zammit Ciantar ... ... | 7.500 | | |
| ,, Victor Farrugia ... ... | 3.000 | | |
| ,, Gauci Borda ... ... | 2.500 | *(2) This amount represents the cost of the print of "Il-Polz" issue No. 23. | |
| ,, Henry Bellizzi ... ... | 900 | | |
| ,, Louis Vella ... ... ... | 7.000 | | |
| *Remuneration for production work.* *(Mill-Ġnejna Maltija)* | | N.B. It is pointed out that Il-Moviment Qawmien Letterarju paid up from Sagħtar funds the cost of "Lapida Rużar Briffa" and "Il-Polz" No. 23. | |
| To Mario Azzopardi ... ... | 10.000 | | |
| *Transport, Telephone, etc.* | | | |
| To Mario Azzopardi ... .. | 59.983 | | |
| To Excess of Income ... ... | 762.030 | | |
| | £1275.100 | | £1275.100 |

## BALANCE SHEET

| *Liabilities* | | *Assets* | | |
|---|---|---|---|---|
| Capital ... ... ... ... ... | £758.530 | Cash at hand ... ... ... ... | | £104.491*(1) |
| *Creditors:—* | | Cash at bank ... ... ... ... | | 161.964 |
| | | *Debtors:—* | | |
| Focus Magazine ... ... ... | 3.500*(3) | Cr. Sales ... ... | £246.350 | |
| | | Cr. Adverts ... | 105.225 | |
| | | Cr. Adverts ... | 129.000*(2) | 480.575 |
| | | Stock ... ... ... ... ... ... ... | | 15.000 |
| | £762.030 | | | £762.030 |

*(1) This sum (£104.491) which represents cash on hand and evidently results in unequivocal manner from the books of Mrs Jane Azzopardi, is still to be recovered.

*(2) Please refer to Nota Bene in the Trade Account above.

*(3) This sum (£3.000) has been indicated as having been paid whereas it was not.

N B. It is pointed out that a complete auditing work has been carried out separately and it may be seen on request.

**Il-Moviment Qawmien Letterarju jħoss ruħu fid-dmir li jiżżiħajr bil-qalb lis-sur Gwido Vella għax-xogħol espert li għamel fil-kontijiet ta' "Sagħtar". Għal xhur sħaħ, bla ebda interess, is-sur Vella stħarreġ u bena rapporti mimlija rqaqat fuq kull aspett tal-kontijiet. Dan hu biss ir-rapport ġenerali, u kull tagħrif ieħor jingħata lill-membri li jitolbuh.**

---

# *lill-bniedem*

Sultan tal-bhejjem, bhima aktar mill-bhejjem;
Anġlu ta' tieba
Għafrid ta' ħażen
Tmiss il-kwiekeb b'idejk, tgħaffeġ fil-ħama
Hallieq l-allat tal-ħażen
Hallieq l-allat tat-tieba

Bil-ġebla f'idi, nitfagħhielek?

Inħares lejn għajnejk, u f'narhom nilmaħ
In-nar t'għajnejja

gorg zammit

# u dahlet in-nanna nkiss-inkiss

Kif forsi darba ntqal
fl-għar ta' Ċirċe jekk
taħbat titla' sa fuq
l-irdum u tħares f'għajn
gawwijja tinsa x-xemx u
ġmielha u tinżel f'qiegħ il-baħar —

kien hemm oħrajn li ħabbru taqbida u
l-lejl waqa' gozz fuq
ħluq miftuħa u oħrajn
m'humiex

imbagħad wara rikba fuq żwiemel nar tul
id-deżert u xmajjar Po u Rhine u Volga
Tigri u Buchenwald u Cannabis inxteħtu
fuq il-ħaxix oażi fejn is-serp
ra kollox mibrum kif kien
maz-zokk tas-sekwoj
jew dilja ħawlija f'razzett setteċentesk
jew żebbuġa megalomanijaka
stilel u oqmra paranojdi

(għax ħallejtuni? fejn mortu
u lili ħallejtuni waħdi?)

jekk hemm x'imkien fejn it-tislima għadha
tbaqbaq fuq fomm tarbija aħna nfittxuh
(għandikun) u jekk gawwijja tinżel u
titperreċ quddiem għajnejna m'aħniex se
nħarsu lejha għax minn xifer l-irdum kull
ma tara hu dak ta' meta Ċirċe fetħet ħalqha
għall-ewwel darba

mal-isparatura tas-SAM

kollox ħa r-ruħ igħidulek, lejn
ir-renju tal-gawwi u dak li
baqa' ġisem ma baqax

(għax għandna nħabblu rasna jekk ras m'għandniex?)

u jgħidulek li fit-tempji ta' Nepal
u Katmandu Ġinevra u Wall Street Pekin
u Misraħ il-Mawsolew u Fuor le Mura
li **stasis** tfittxu imma
ma ssibux aktar anqas ma ssib
tarf il-bejta li minnha
aktar minn gawwijja waħda ħarġet u
aktar minn għajn waħda lemħitek waqt
li kont mifrux
bla għajnejn u bla ras fuq
il-ħaxix
b'xi bebbuxu f'xuxtek
jew ħanżir-l-art

ruħ biss
igħidulek
minn ġuf qabarhom

**Francis Ebejer**

---

## XANDRIJA ĦAMRA D-DINJA

Xandrija ħamra mbexxqa
Tħaġġaġ f'xemx sabiħa tgħaxxaq,
Tnissik ix-xewk li fiha,
L-anqas fil-mewt ma tfakkrek
Jekk mhux f'bukkett mirqum
Fuq qabar kiesaħ.

Xandrija ħamra d-dinja. . . .
Sabiħa titgħażżen mistrieħa
Fil-ħmura ta' fl-għaxija,
Meta tbakkar ħiemda fil-għodu,
Meta l-ilħna tat-tfal imqarba
Jidwu ma' l-għana
Ta' l-għasafar ġeġwiġija,
Meta tara 'l ulielek ferħana,
Meta id f'id żewġ namrati
Imqanqla, ħuġġieġa tivvibra,
Meta l-qalb tfawwar fl-imħabba tistrieħ.

Xandrija ħamra d-dinja
Meta jifni l-mard f'qiegħ ta' sodda,
Meta l-ħalel tal-baħar ikissru,
Meta nifsek maqtugħ tislet karba
Għax kollha tbielu u kriehu n-nisa,
Meta l-poeta ma jħossx aktar għana,
Malli għaxi f'xiber qabar
Tħossok sterili u mpotenti.

**J.J. Camilleri**

# poeżija bl-ingliż ta' rużar briffa

minn OLIVER FRIGGIERI

Fil-paġna letterarja ta' "In-Nazzjon Tagħna" tat-3 ta' Lulju, 1973, xandart studju bl-isem "Lacrymae Rerum — l-ewwel poeżija ta' Rużar Briffa". Kont urejt li l-ewwel poeżija ta' Briffa ma hix "Ġens il-Malti" li fil-ktieb tiegħu "Poeżiji" (Lux Press, Malta, 1960) tqiegħdet ħażin bħala l-ewwel xogħol tiegħu, iżda "Lacrymae Rerum" li hu kiteb f'San Ġiljan fis-16 ta' Awissu, 1924. Din il-poeżija ewlenija qabbiltha mal-aħħar waħda tiegħu fi studju li għadu kemm ixxandar fl-aħħar ktieb tiegħi "Ir-ruħ fil-kelma" (Klabb Kotba Maltin, 1973).

Iżda llum ikolli nżid li "Lacrymae Rerum", minħabba li Briffa kiteb ukoll xi versi bl-Ingliż, ma kinitx l-ewwel poeżija tiegħu fis-sens wiesa' tal-kelma. Huwa minnu li Briffa l-poeta veru huwa dak li kiteb bil-Malti matul medda li tinfirex bejn l-1924 u l-1960. Iżda huwa kiteb ukoll xi versi bl-Ingliż.

Fil-fatt ftit jiem ilu, jiena u nqalleb fir-rivista maltija, miktuba kważi dejjem bit-taljan, "L'Amico dei Giovani" (li għamlet ukoll xi żmien tissejjaħ "L'amico della gioventù maltese") iltqajt ma' disa' versi ta' "Rosario Briffa" li jkollhom jiġu quddiem nett fil-karriera poetika tiegħu. "The Autumn Dirge" (ara "L'Amico dei giovani", giugno, 1924, no. 10, p. 40) hija poeżija ta' tliet terzini magħmulin minn pentametri jambiċi. Briffa, student ta' tmintax-il sena, jilgħab bl-istess rima u l-istess kliem imqabbel matul id-disa' versi tal-poeżija. L-argument huwa, minn kmieni, imnikket u jintrabat malajr mal-argumenti l-oħra, iżjed maturi u maħsusa, tal-poeżiji tas-snin ta' wara.

"The Autumn Dirge", li tfakkarni, għallinqas fl-għażla tal-isem, fil-poeżija ħelwa u ħafifa "Autumn — a dirge" ta' Percy Bysshe Shelley, hija dedikata lil C. Zammit, u tfakkar fid-diwi — senswali jew spiritwali — ta' għanja ta' niket li kienet titkellem dwar il-mewt. L-għanja issa għaddiet iżda ħalliet ġewwa l-poeta l-hemm tagħha.

Il-poeżija, imxandra f'Ġunju, 1924, iġġib id-data tal-ħamsa ta' Mejju, 1924. Jiġifieri Briffa kitibha tliet xhur qabel ma kiteb l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti, "Lacrymae Rerum". Jista' jkun li kiteb versi oħra bikrija bl-Ingliż, bħalma wieħed għad forsi jista' jsib ukoll xi poeżiji maltin li ħarbulu mill-publikazzjoni fil-ktieb tiegħu tal-1960. Hu x'inhu, nafu li mill-1924 'il quddiem Briffa ntefa' għall-poeżija maltija, u l-kitba tiegħu bl-Ingliż la hi aqwa minn dik li kiteb bil-Malti u lanqas ma tiġbor ħafna.

Dwar il-kundizzjonijiet persunali tal-poeta fix-xhur nofsana tas-sena 1924, kif ukoll dwar tagħrif bijografiku ieħor li jista' jgħin fl-apprezzament tal-poeżija wieħed jista' jara l-istudju msemmi dwar "Lacrymae rerum", kif ukoll il- bijografija tiegħi "Rużar Briffa — ħajja u karattru". Din hija l-poeżija:

### THE AUTUMN DIRGE

To C. Zammit

*It was an autumn dirge, a pale refrain*
*From some sad heart who was in some great pain;*
*— It spoke of Death, of all-absorbing woe.*

*I heard it long and long I felt the pain*
*Of long-last hopes and dreams in that refrain*
*Of Hate, of Death, of all-absorbing woe.*

*It hashed itself like an eternal pain;*
*Far slowly, slowly did that sad refrain*
*Die off . . . but in my soul it left its woe.*

It-tħaddim tal-pentametru fih il-malinkonija kollha li Briffa jixtieq jikseb metrikament biex jorbot il-forma mal-ħsieb. U din ix-xejra ta' niket tinkiseb l-iżjed bl-użu mtenni tal-monosillabi, ħaġa li nsibuha fl-aqwa tagħha f'Shakespeare. Ngħidu aħna, it-tieni vers tal-ewwel stanza, minkejja li fih ir-ripetizzjoni ftit kerha tal-kelma "some", madankollu fih tul malinkoniku qawwi. Huwa magħmul kollu kemm hu minn monosillabi, għaxra wara xulxin li f'xi waqtiet iħallu jiddomina l-ħoss ta' xi vokali. L-ewwel u t-tieni vers tat-tieni strofa, u l-aħħar vers tal-poeżija huma wkoll monosillabi li jġebbdu din it-tonalità ta' niket.

Il-personifikazzjoni tal-mewt, u tal-mibegħda, miktubin it-tnejn b'ittri kbar, tfakkar fil-viżjoni drammatika li kellhom ir-romantiċi li minn kwalità jew fenomenu fittxu sikwit li joħolqu persuna ta' forma umana. Briffa, li minn studji oħra nafu li kien iħobb ħafna lil John Keats, juri li ntlaqat mill-istil tiegħu bl-użu taż-żewġ "hyphenated adjectives": "all-absorbing" u "long-last".

Madankollu, Briffa jidher dgħajjef fil-kitba tal-versi u tonqsu dik li 'l quddiem kellha tkun l-aqwa kwalità tiegħu: l-ekonomija tal-kelma. Ngħidu aħna, minħabba l-intonazzjoni mużikali, li donnha kienet l-għan ewlieni tiegħu f'dawn it-terzini, huwa jtenni wisq kliem fi ftit versi. Ir-ripetizzjoni, tassew, tgħin fit-tkattir tal-malinkonija, iżda l-użu tagħha jrid ikun xħiħ ħafna.

Mill-bqija, din il-poeżija bl-Ingliż hija daħla xierqa u loġika għal dak kollu li kellu jikteb iżjed tard bil-Malti.

## *BIBLJOGRAFIJA*

Fost studji oħra ta' Oliver Friggieri fuq Rużar Briffa, din il-lista tista' tgħin lill-qarrej:

"Kittieba ta' Żmienna" (1970), paġ. 94-121; "Rużar Briffa — ħajja u karattru" (1972); "Ir-ruħ fil-Kelma" (1973), paġ. 44-53; "Rużar Briffa — l-aħħar poeżiji u taħdita letterarja, b'noti u bijografija" (1974).

**Studji qosra:** "Rużar Briffa — il-bniedem u l-poeta" (taħdita għall-British Council u mitbugħa fin-"Nazzjon Tagħna", 10, 17, 24, t'April, 1 ta' Mejju, 1972); "Poeżija minsija ta' Rużar Briffa" ("Il-Polz", 24, Marzu-Awissu, 1973).

---

## *IL-LAQGHA ĠENERALI*

Minħabba li meta saret il-laqgħa ġenerali, "Il-Polz" kien jinsab fl-istampa, it-tagħrif dwarha jingħata fil-ħarġa li jmiss. Sadanittant il-kumitat il-ġdid jiżżi ħajr lill-imseħbin kollha li ġew numerużi u jittama li jerġa' jseddaq il-fiduċja li reġgħu urew fih

# il-"librett" fl-istorja ta' l-opra: tagħrif li tana v.m. pellegrini

*F'waħda mir-rivisti Taljani ta' standard għoli* Relations Latines *immexxija mill-kittieba Carlotta Mandel, qrajna dwar l-*Angelica (*La Sposa della Mosta*) *li hi l-aħħar publikazzjoni tal-kollaboratur tagħna Vincenzo Maria Pellegrini, u dak li laqatna l-iżjed hu l-fatt, kif jidher mill-paragrafu li ġej, x'qawwa ta' ġudizzju jiksbu mill-barranin ix-xogħlijiet ta' Pellegrini.*

"Con questo dramma lirico in tre atti ANGELICA (La sposa della Mosta), musicato dal Maetro Carmelo Pace, VINCENZO MARIA PELLEGRINI, fa rifiorire una delicata leggenda maltese, innestandola sul tronco poderoso della sua arte e del suo pensiero. Il verso agile e incisivo sostiene, col ritmo vario e bene scandito l'azione e caratterizza i vari personaggi, conferendo all'Opera una sua validità indiscutibile pure in campo teatrale. Del resto Pellegrini ci ha già dato, con le sue numerose opere di poesia di prosa narrativa e di saggistica, la misura del suo ingegno. Nell'Isola dei Cavalieri, la sua figura singolare di "Cavaliere della Bellezza e dell'Arte" è ben nota, così come sono conosciuti i suoi pregevoli lavori nella traduzione in più lingue, specie in inglese. Anche in Francia, egli è sinceramente apprezzato e le sue poesie apparse in antologie e presentate ai nostri festivals gli hanno procurato numerosi amici ed estimatori."

*Ma nistgħux għalhekk ma nifirħux lil Pellegrini għal dawn is-suċċessi tiegħu. Xtaqna nkunu nafu minn għandu l-għala bħala Malti, li qiegħed jikteb xogħol għal kompożitur malti, li ser jiġi rappreżentat f'Teatru Malti għal udjenza maltija, bi storja li għandha għeruqha fil-folklor malti kiteb dan il-librett u l-libretti l-oħra li stampa bit-taljan u mhux bil-Malti. It-tweġiba tiegħu hija din:*

• * *

"L-Opra, kif għadna nafuha sal-lum, kemm fit-Tijatri, kif ukoll fuq it-Televiżjoni u fuq ir-Radju għadha l-istess prodott liriku ta' żmien Pietro Metastasio, taljana fil-qalba tagħha, esportazzjoni taljana ta' industrija nazzjonali li tinbiegħ, u hi apprezzata, kull fejn għadhom imkebbsa n-nirien taċ-Ċiviltà.

Barra minn dan, kull opra li bi spirtu nazzjonalistiku, inkitbet bil-lingwa tal-pajjiż tal-librettist, ġiet dejjem u dan għadu jiġri sal-lum, maqluba għat-Taljan, u għalhekk kien iktar faċli għal min jaf bit-taljan, li jikteb il-librett mill-ewwel bit-taljan, kif fil-fatt għamilt jien, ġaladarba t-taljan għalija huwa t-tieni lingwa — omm tiegħi.

Biex nagħti ġieħ lil Ilsien twelidi tlabt dejjem il-kollaborazzjoni tal-ħabib tiegħi Ġużè Chetcuti, li qaleb għall-Malti dawn ix-xogħlijiet tiegħi. Infakkar hawn "Il-Martri", librett dwar ir-rewwixta kontra l-Franċiżi f'Malta mxandar fl-"*Orizzont*" u wara miġbur fi ktieb, u l-"Angelica", li ma ddumx ma tiġi pubblikata.

Wieħed għandu jiftakar li l-"Opera Seria" rappreżentata mid-drammi ta' Pietro Metastasio kienet sa mill-bidu nett divertiment dinastiku, sofistikat, maħluq għad-divertiment ta' l-aristokrazija. Fl-Italja kien apprezzat ukoll, u mhux ftit, mill-klassijiet tan-nofs, il-"medio ceto", fejn il-lingwa kienet sewwa sew dik tal-poplu, iżda bnadi oħra, fl-Ewropa kollha, l-Opera kienet prerogativa tal-Prinċpijiet, tan-Nobbiltà, u ta' l-Aristokrazija, li ħafna minnhom kienu jkunu jafu bit-taljan, oħrajn kienu jippretendu li jafu u oħrajn ma kienu jafu xejn; u dan billi l-iskop prinċipali ta' l-Opra kien u għadu fis-soċjetà, okkażjoni ta' lussu, oġġett li kien jitlob spejjeż kbar.

Dr. Barney, ikkwotat minn Edward Dent, isostni li "ebda residenza reali ma kienet nieqsa mill-opra taljana, u ma kienx hemm teatru fl-Awstrija, Franza, l-Ingilterra, il-Ġermanja u r-Russja, fejn ma sabx li t-taljan kienet il-lingwa ewlenija f'dawn l-ambjenti." Fil-fatt, it-taljan kien il-lingwa universalment magħrufa fil-qasam mużikali u matul is-seklu sbatax, l-evoluzzjoni tal-frażi mużikali u tal-forma melodika twieldu fl-Italja.

L-ikbar għadd ta' l-Opri kienu komposti bit-taljan fuq il-libretti ta' Metastasio, u dawk kollha li ġew warajh u li kkuppjaw minn fuqu s-suġġetti ta' l-opri tiegħu, kol-

lha kitbu bit-taljan.

Hu loġiku li ebda opera ma tista' tinkiteb jekk qabel il-librettist jew aħjar il-poeta ma jkunx ħalaq is-suġġett u l-iżvilupp drammatiku tiegħu, u għalhekk ġara, meta l-opra kienet il-*"craze"* tal-mument, li l-librettisti ġew injorati u t-talba kienet għall-mużika, anki fuq suġġett użat minn ħaddieħor, basta l-Edituri mużikali jkollhom f'idejhom il-materjal tas-sengħa tagħhom.

Iżda l-poeti veri ma baxxew rashom qatt għal dawn il-kundizzjonijiet, għax ħadd ma ried jaħli ż-żmien u enerġija biex ipaxxi lil ħaddieħor minn fuq xogħlu u għalhekk ġara li l-kotra ta' dawk l-opri, il-lum jinsabu mormijin u ħadd ma jrid jaf bihom. Verdi stess ma kienx eċċezzjoni, marbut kif kien minn Ricordi, u fil-fatt l-isbaħ u l-aħjar opri li kiteb huma dawk li l-librett tagħhom hu ta' Ghislanzoni bl-"Aida", u ta' Arrigo Boito bil-"Falstaff" u bl-"Otello", żewġ ġawhriet ta' l-ifjen poeżija. Id-dekadenza tal-librett, għalhekk ġiebet magħha d-dekadenza ta' l-Opra nnifisha.

U min ma jafx bl-għajta ta' uġigħ il-qalb ta' Mozart, imġennen biex jikteb opra, bla ma kellu librett? "Tinsiex x'ħerqa għandi li nikteb opra u nħossni ngħir għal min għandu f'idejh librett u jista' jiktibha. Inkun ser ninfexx f'bikja x'ħin nisma' arja miktuba minn ħaddieħor. Il-librett irid jkun bit-taljan: *'Opera Serja"*. U sa fl-aħħar qata' xewqtu, meta ltaqa' ma' Lorenzo da Ponte li kiteb għalih tliet libretti li kisbu suċċess liema bħalu. L-impressarju Guardasconi, wara s-suċċess tad-*"Don Giovanni"* għaqqad fil-kongratulazzjonijiet tiegħu kemm lill-kompożitur kif ukoll lil-librettist, li mingħajru dak is-suċċess ma seta' qatt jinkiseb.

Fl-aħħarnett, l-opra kif rajnieha f'dawn l-aħħar sebgħin sena trid tkun xi ħaġa spettakolari, dramm qawwi b'kuluri, moviment, "messa in scena" qawwija u storja li taħkem lis-sentimenti ta' l-ispettaturi. Il-Librettist, għalhekk, irid ikun midħla tal-palk u jrid ikun jaf x'inhuma l-bżonnijiet tal-palk.

Minn żmien Handel 'l hawn, il-ġenerazzjonijiet ta' qabilna riedu dejjem opri ġodda u mhux biss ripetizzjonijiet ta' dawk li kienu jafu bl-amment, l-istess bħalma l-uditorji tal-lum iridu drammi ġodda. Il-kompożitur, għalhekk, jaqa' fuq il-librettist biex joħloqlu xogħlijiet li jkunu jaqblu mal-moda tal-mument, għax l-istorja ta' l-opra thejji l-burdata lil dawk li jkunu jridu jifhmu l-mużika.

Il-qari tal-librett, għalhekk, hu essenzjali għal dawk li tabilħaqq iridu jidħlu fit-Tempju ta' l-Arti, imħejjija sewwa biex jieħdu sehem fis-simpożju li l-poeta u l-kompożitur ikunu lestew għalihom. Dan ifisser ukoll l-għala fil-programmi ta' l-opra jkun hemm is-"synopsis" li tagħti dawl fuq l-ispettaklu li jkun ser jintwera."

---

## MAL-WIED LI JINŻEL

Mal-wied li jinżel jiġri
wara jum ta' xita qliel;
mar-riħ li b'saħħtu jqaċċat
kulma dan isib ta' xkiel
ħalli l-hemm tal-ħajja jmur,
ħalli l-hemm,
ħalli jimraħ l-għana ħlejju ġewwa qalbek
u mill-benna għaslija dduq,
u tħoss f'sidrek nifs il-ferħ, jagħtik ir-ruħ;
ħalli ruħi tgħarrex f'qalbek
dawl is-sliem
sat-tmiem
bla ma tegħja.
U minn laħmi qatra qatra
nagħsar demmi u nisqihulek
qatra qatra sa ma tisker,
u fis-sakra tiżfen żifna
ġo qiegħ ruħi,
u fis-seħer ta' madwarna
jgħum l-ispirtu
bla mistrieħ.
Imbagħad...
...imbagħad
inħarsu warajna
lejn dinja
li tidher
tinħeba ġot-trab
ftit ftit tinħeba ġot-trab,
u nistennew.
u l-kotra thares,
u l-kotra tidħak,
u l-kotra thares u tidħak
għax ma tifhimx.

**Emle. Attard**

## KONNALKOLL

Iltqajna fuq il-blat ta' ħajja iżgħar
u rajna il-mewġ jitħabat jixtieq jitla'
tul il-mogħdija kollha sagħtar ċkejken
ta' Fomm ir-Riħ. Tkellimna u ġrejna
sa nsejna d-dlam li jġib Inżul ix-Xemx.
Kemm lgħabna ferrieħa fil-moħba ta' darba
u qrajna xortina bil-baklu ta' seħer iż-żgħożija!
. . . U tlaqna bħal friefet imlewna
imsaħħra bil-kobor bla tmiem ta' madwarna.

F'dir-rqoqgħa t'art ċkejkna ltqajna darb'oħra
u ridna, bħal dari, ninsewhom
il-ħsebijiet li moħħna taqqlulna.
Waħedna, fis-sikta ta' qalbna, bkejniehom
il-jiem sbieħ bla niket ta' dari
u . . . xtaqna mill-ġdid lura rreġġgħuhom
biex nilħqu sax-xifer il-blata żonqrija
tal-ġirja bla serħan bħal dari.
Ħarisna f'għajnejn xulxin u b'daħka tal-biki
xerridna lkoll demgħa ta' għoqla, ta' għafsa.
Kemm għebu fis fuqna s-snin hienja!
u bħal marid pupletku jistenna l-mewt riesqa
ħarisna lejn is-snin beżgħana t'għada.

Tul il-mogħdija kollha sagħtar ċkejken
ta' Fomm ir-Riħ tkellimna, u rajna xortina
imlaħħma ma' ruħna. Konna lkoll akbar
'mma iżgħar u itqal il-pass fuq il-wita:
u l-kobor bla tmiem ta' madwarna bil-kemm ħassejna.
U jien, poeta, bkejt id-daħka ġeblija
taż-żmien li naqqax fuq qalbi l-vojt ikrah tal-baħar!

**Alfred Degabriele**

## ID-DELL TA' LEĦEN

Id-dell ta' leħen ksieni
u bħal nida taħraq ħassejtu
iqawqeb warajja,
iżiġġ u jogħla fuqi.

Jien smajtu d-dell
jitkellem b'leħen dgħajjef
u lmaħt bħal dawl leqqieni:
il-ħlewwa ta' qalb morra,
is-safa tal-kliem qares,
qawwet l-imħabba għajjiena,
il-ġmiel u s-seħer
imdawla fiċ-ċlampu
taċ-ċpar u tar-riħ isfel.

Ilmaħt f'roqgħa ta' sħaba:
dak li ma jinħassx,
dak li ma jidhirx.
il-qerq u l-qrusa. . . . . .
Id-daħka ta' wiċċ b'ieħor.

**Pawlu Cachia**

# Ir-rumanz storiku fil-letteratura maltija

minn ĠUŻE' GALEA

Ħadd ma jista' jiċħad li r-rumanz storiku kellu sehem kbir fil-bidu u fit-tixrid ta, letteratura maltija. Nistgħu ngħidu li l-letteratura tagħna nbniet fuq żewġ sisien ewlenin: qari reliġjuż u rumanzi storiċi. Infatti jekk wieħed jistħarreġ sewwa l-eqdem kitba bil-malti, isib li aktarx kienet dwar talb u qdusija, fil-waqt li l-ewwel rumanzi kienu minsuġin dwar tliet ċikli li jissemmew mhux ftit, u jingħażlu għalihom, fl-istorja ta' pajjiżna; jiġifieri l-ġlieda bla heda bejn il-Maltin u l-Misilmin, l-Assedju l-Kbir u żmien il-Kavalieri.

Mhux ħsieb tiegħi li nagħti hawn lista ta' l-ewwel kotba reliġjużi u l-ewwel rumanzi bil-Malti biex nipprova l-fehma tiegħi. Kulħadd, kull min jinteressa ruħu, jista' jmur il-bibljoteka u jifli l-katalgi ħalli jara l-prova.

Għaliex l-ewwel rumanzi bil-Malti huma storiċi? Biex wieħed iwieġeb jeħtieġlu jġib quddiem għajnejh iċ-ċirkustanzi tal-ħajja li sabu ruħhom fiha dawk ta' qabilna li għexu meta beda joħroġ ir-rumanz malti.

Fl-aħħar kwart tas-seklu li għadda, il-poplu tagħna ma kellux il-kumditajiet u l-kuntatti li għandu llum. Il-kotra kienet analfabeta, kien hemm nuqqas ta' xogħol, qligħ ftit, ħajja ta' tqanċiċ. Kien hemm ukoll firda kbira bejn il-klassi għolja — professjonisti u għonja, u l-klassi "baxxa" — ħaddiema u nies tas-sengħa. Minkejja din il-firda, fiż-żewġ klassijiet kien jinħass sentiment ta' patrijottiżmu. Dawk ta' l-ewwel klassi kienu jiftaħru bih fit-taħwid politku tagħhom, l-oħrajn kienu jixxiegħlu bih fil-piki tal-parrokkjaliżmu. U billi kull sentiment patrijottiku għandu l-għeruq tiegħu fl-istorja, ħafna kienu jinqdew biha biex jagħtu sura sabiħa, u ta' foħrija, lil dik il-ħrara li kienet tinħass f'qalb kulħadd.

Għalhekk dawk l-awturi Maltin li kienu jitħajru jiktbu rumanz bil-malti jew b'xi ls!en ieħor, kienu jinsġu l-ġrajjiet dwar fatti meħudin mill-istorja tal-gżira. Il-qarrejja maltin kienu jogħxew b'rumanzi li fihom jissemmew il-ħila u l-qlubija, l-imħabba u l-isfortuna ta' Toni Bajjadiet, La Vallettijiet, Mannarinijiet u persunaġġi oħra msemmija fl-istorja għall-eroiżmu tagħhom, u kienu jieħdu gost kbir jaqraw deskrizzjonijiet ta' taqbid jew attakki, ta' qtil, serq, jew qerq f'postijiet li kienu trabbew fihom, jew li għexu ħdejhom, għax il-lokalizzazzjoni tal-"plot" għandha seħer fuq il-qarrej Malti, li aktarx issibu jaf bi ħġarha kull naħa tal-gżira żgħira tagħna.

F'dak iż-żmien is-saħriet ta' fil-għaxija kienu bla ħajr ta' xejn. Dawk tal-familja, wara r-rużarju, ma kellhom xejn fhiex jedhew; rumanz bil-malti kien jinqara bi pjaċir mhux biss bħala mogħdija taż-żmien iżda wkoll għax kien iqajjem interess u diskussjonijiet dwar persunaġġi, ġrajjiet u postijiet storiċi li jissemmew fil-mixja tar-rumanz.

Għal din ir-raġuni nistgħu ngħidu li r-rumanz storiku żamm ħajja l-ideja ta' l-istorja ta' Malta fost il-kotra meta din kienet għadha lura, bla skola u bla tagħlim. Għal bosta Maltin ta' mitt sena ilu u qabel, l-istorja ta' pajjiżhom kienet dawk il-ġrajjiet li semgħu bihom minn fuq il-pulptu jew minn fomm xi narratur f'ħanut, jew xi għannej f'xatt il-baħar. Bħal, biex insemmu ftit, il-miġja ta' San Pawl f'Malta, il-ġlied bla heda bejn Insara u misilmin, il-moħqrija tal-maltin minn tiranni barranin, l-assedju l-kbir, l-imblokk tal-franċiżi, kavalieri, pirati, għemil ta' ħila, tbatija, qerq, ħniena, kollha mħalltin u mħawrin b'doża qawwija ta' romantiċiżmu.

Din ix-xrara storika u romantika żammet imbennen is-sens ta' l-istorja f'moħħ il-poplu matul is-sekli meta kien hawn nuqqas ta' istruzzjoni u meta għaxra filmija kienu jaqraw kotba ta' l-istorja ta' Malta. Madankollu, f'dak iż-żmien dawk il-kotba kienu mfasslin fuq xejra romantika, leġġendarja, biex ma ngħidx mitoloġika, u ftit wisq kien fihom tagħrif soċjali dwar il-ħajja f'din il-gżira tagħna; fuq kollox kienu miktubin b'ilsien barrani.

Illum xorta oħra; illum għandna t-tagħlim obbligatorju; ħafna jaqraw il-gurnali u jafu kulma jiġri fostna. Għandna f'idejna kotba ta' storja miktuba fuq sistema xjentifika li jagħtu ħjiel mhux biss tal-

ġrajja. Għalhekk ir-rumanz storiku bħala mezz biex jżomm sħiħa l-ħrara ta' patrijottiżmu, ma baqax ħtieġa għalih. Illum ix-xejra tal-qarrej hi aktar dwar il-problemi milli dwar il-glorji ta' pajjiżna. Minn dan tnisslet ix-xeħta ta' rumanzi moderni mxaqilbin lejn ir-rejaliżmu.

Hajjet il-bniedem hija mżewqa b'xejriet li jitbiddlu minn żmien għal ieħor, bħall-moda fl-ilbiesi tan-nisa. Din ix-xejra ta' rumanzi rejalistiċi, astratti, psikoloġiċi llum hi fl-aqwa tagħha, iżda b'danakollu ma qerditx għal kollox l-għamla l-oħra storika-romantika, u tant hu hekk li dan l-aħħar fil-letteratura ta' nazzjonijiet kbar, bħall-Ingilterra, Franza, l-Italja u saħansitra r-Russja, qegħdin naraw ħerġin rumanzi bi sfond storiku: ilkoll jixhdu li l-ħajra u l-iskop għar-rumanz storiku għadhom ma ntemmux.

---

## ĠUŻE' CASSAR PULLICINO:

# VERSI TA' L. MIFSUD TOMMASI

**L-isem ta' Ludovico Mifsud Tommasi (1795-1879) huwa marbut mal-kitba ta' inni, kurunelli u versi reliġjużi oħra bil-Malti li għal madwar ħamsin sena jew aktar għaġnu l-moħħ ta' niesna u kattru f'pajjiżna d-devozzjoni għal bosta qaddisin, waqt li ħolqu livell ta' versi li, għalkemm mhux għoli ħafna, kien biżżejjed biex jintrefa' 'l fuq mit-taqbil popolari fejn kien jibqa' jitkaxkar li ma kienx għall-ħidma ta' xi nies bħalu ta' qalb kbira.**

F'din il-kitba rridu nżidu ma' dak li nafu dwar il-Kanonku Mifsud Tommasi billi nġibu poeżija twila awtobijografika *Lill-Mewt*, miktuba meta kellu 82 sena. Minnha insiru nafu li missieru kien ibaħħar għal Spanja u li kellu oħtu iċken minnu li mietet żgħira. Minsi minn kulħadd f'qiegħ l-Imdina, fejn ruħ tajba biss kienet iddur bih li ma kellux biex iħallasha, il-poeta xwejjaħ u għoddu bla dawl bħal iħoss il-mewt riesqa issa, u jiftakar minn xhiex għadda mindu kien għadu tarbija, kemm mard u gwaj ra fuq Malta, kif studja u sar qassis, u wara dan kemm għallem żgħażagħ, kemm priedki għamel, u kemm kiteb u stampa fi żmienu! Issa xejn ma fadallu jagħmel ħlief li jistenna li meta tiġi l-mewt għalih ruħu tittajjar lejn il-Ħallieq.

Xi riferenzi li hemm fil-versi għal ġrajjiet storiċi jiftiehmu malajr. Ngħidu aħna "il-pesta illi ħasdet il-mijiet" kienet dik tas-sena 1813; u l-Arblu ta' Mejju li kien twaqqaf "kif tal-paċi ġiet l-aħbar" kien sar fid-9 ta' Mejju, 1814, sewwa sew wara t-Trattat ta' Pariġi, meta, skond Castagna, (*Storia ta' Malta* Vol. II, p. 425) kien sar distorbju kbir u kienu mietu 33 ruħ. Meta jsejjaħ lilu nnifsu "Professur f'żewġ Seminarji" fejn dam igħallem ħmistax-il sena, Mifsud Tommasi jfakkar li mill-1860 għal bosta snin wara is-Seminarju kien maqsum biċċa l-Imdina u biċċa l-Furjana, u hu kien igħallem sew fis-seminarju taż-żgħar kemm ukoll f'tal-kbar, il-Furjana. Inqas ċari huma r-riferenzi għall-Għira li, kieku mhux għax kellu sebgħu dritt, kienet toqtlu bil-għali, jew għall-għedewwa li, b'inkejja, sa ħarġuha li kien miet! Dawn kienu xi episodji qarsa ta' tiġrib li għadna ma nafux biżżejjed dwarhom. Hekk ukoll ma nafux liema marda kienet tissejjaħ "porporina".

Intant, il-poeżija miktuba f'versi tat-tmienja li tant kienu għal qalbu u li dehret fil-Għadd 22 ta' *Il-Ħabbar Malti* tat-8 ta' Novembru 1878, tinqara hekk:—

### LILL-MEWT

Fejnek, fejnek, Mewt Ħanina!
Jien insieħlek, int taħrabni,
Għaliex mieghi dil-kefrija
Li titbiegħed u twarrabni?

Meta kont għadni tarbija
Għal mitt darba int irsaqt lejja,
Iżda fl-aħħar minni ħrabt,
U ħallejtni b'kiefra nkejja.

Oħt jien kelli iċken minni,
Kienet ġmiel li bħalu qatt:
Minn ħdan ommi ġejt int ħtaftha,
Fejn stajt miegħek lili ħadt.

Hawn minn Spanja ġie missieri
Li, jaħasra! kien imsiefer:
Fittex 'l oħti ma sabhiex,

Qalbu ndarbet b'uġigħ kiefer.

Kemm aħjar li lili ħadt
Hekk kif nannti talbet 'l Alla:
Iżda dana riedni ħaj,
Għal fejn riedni lili ħalla.

Ġidri, ħosba, porporina,
Kemm hemm mard jiena ġarrabt:
Rajtek riesqa ġà għalija
Iżd'int f'daqqa minni ħrabt.

Kif bdejt nimxi w qfilt qalzieti,
"Mur l-iskola eħles fis,
Ibni, mur" — hekk qaltli ommi —
"Biex jekk trid issir qassis".

Ġejt milqugħ mis-Siminarju
Ma kellix għad għaxar snin:
Ir-Rettur kien raġel għaref,
Għorrief kienu l-Imgħallmin.

Meddejt għonqi għall-istudju,
Kelli l-ġwienaħ bdejt intir:
Hekk minn skola jien tlajt f'oħra
Qalbi kbira f'ġisem żgħir.

Il-hemm laħaq, ġiet il-pesta
Illi ħasdet il-mijiet,
Għoġob 'l Alla, li mittiefsa
Id-dar tagħna xejn ma ġiet.

Ma kont jiena qatt nittenna
Li ma mmutx ġo Lazzarett.
S'issa ħaj lili ried Alla,
Għaliex lilu qalbi w'għidt.

Waqaf l-arblu minn ta' Mejju
Kif tal-paċi ġiet l-aħbar;
Mort narah, 'ma li ma mortx
K'en ikun għalija aħjar.

Ma nafx kif ma bqajtx imgħaffeġ
F'dik in-nafra ta' bla qies
Illi ħarbtet, f'daqqa waħda,
Kotra kbira minn tan-nies.

Bl-akbar ħrara fil-Kulleġġ
Mort studjat Filosofija:
Hadt il-lawrja tal-Legali
W ħadt dik tat-Teoloġija.

Professur f'żewġ Seminarji
Snin ħmistax jiena għaddejt;
U kemm żgħażagħ għallimt jiena
Anqas biss ma naf ingħid.

Kemm skulari jiena kelli,
Malta w Għawdex igħiduh;
Għamilt ġid daqs kemm jien stajt,
Dana ntnesa, ftit jafuh.

F'Malta w Għawdex ma hemmx pulptu
Illi fuqu jien ma tlajtx,
U li l-kelma imqaddsa t'Alla
Jiena b'leħni ma semmajtx.

Sefirt, baħħart mhux biss darba,
U għaddejt bosta tiġrib:
Hemm stajt ħadtni, ja Ħanina,
U k'en f'waqtek lili ssib!

Sakemm liebta l-għira ħemdet,
H'eni ħajti jien għaddejtha,
Iżda fl-aħħar b'qilla kbira
Rasha ħarġet din mill-bejta.

Kiefra! ħalfet li teqridni,
Iżda kelli sebgħi dritt:
Jekk xi tebgħa kelli qatt,
Kieku żgur bil-għali mitt.

Għalfejn iżda ngħid kollox?
Hajti kollha ħdimt, batejt;
Ktibt, bla tarf għallimt, stampajt,
Ebda ħidma ma barrejt.

Lili ħaqret wisq l-inkejja,
Baħar sqewni minn ta' mrar,
Mewt, ja Mewt, f'ħalqek ġabuni:
Sa li mitt xerrdu l-aħbar!......

Ah! xi swielhom dana qatt?
Jiena għext, u għadni ħaj:
Orza, poġġa, irkibt ir-riħ
Usalt fejn ridt bil-*baj-im-baj*.

Għalaqt tnejn u tmenin sena,
Fuq it-tnejn u sebgħin ħdimt;
U servejt lill-Knisja Mqaddsa,
Li nkun kburi qatt ma fhimt.

F'qiegħ l-Imdina itturufnat,
Hadd ma jaf jiftakar fija:
Ingħaddiha fit-talb 'l Alla;
Jiena sfajt ir-Ruħ minsija.

Dawl għajnejja għoddni tlift,
U din hija l-akbar piena
Illi l-bniedem jista' jġarrab,
U li nġarrab qiegħed jiena.

Ħlief il-għalla tax-xjuħija
Fuqi jaħbat kbir uġigħ,

Li bis-sabar jeħtieġ naħmel
Għax fejqien ma hemmx għalih.

Għalkemm xwejjaħ rasi sħiħa,
Jien xi strofa għadni nlaqqa':
Bl-ex il-qerq nikxef tad-dinja,
Li mħabbitna xejn ma ħaqqha.

Ruħ wisq tajba iddur bija,
Għassa fuqi ma taqtax,
Minn xejn nieqes ma tħallini
Sabiex sorra ma naqax.

Jien ftaqart, u ma għandix
Biex inħallas dit-tbatija.
Li baqagħli lilha nħalli
Għax saħħitha tat għalija.

Noffri 'l Alla għal dnubieti
Kemm batejt u qed inbati:
Jisgħob bija għax regħixtu,
Nitma l-maħfra lili jagħti.

Bil-qalb naħfer lill-egħdewwa,
U 'l min żiedli hemm fuq hemm:
Għad nixtieqlu, għalih nitlob
Sakemm ħajti jiena ntemm.

Minnek nitma, o mewt ħanina,
Fl-aħħar tkun ħelwa għalija,
U li 'l ruħi l-Hanin Alla
Miegħu jwassal fit-tgawdija.

# META SE NIBDEW NITKELLMU SEWWA BIL-MALTI?

## ĠUŻE' CARDONA:

Kull Malti li jgħożż ilsienu ma jistax ma jħossx weġgħa ta' qalb meta jisma' lill-Maltin ħutu jkasbru Lsienna billi jitkellmuh jew kif ġie ġie jew jitkellmuh imħarbat għax iridu. Għalihom ħaġa sewwa li jitkellmu l-Ingliż jew it-Taljan tajjeb meta jitkellmuh, iżda meta jfissru ruħhom bil-Malti mingħalihom aktar ma jħawdu aktar aħjar, għax b'hekk juru li jagħmlu mal-**Klassi l-Għolja tal-Puliti** li ma jafux sewwa bil-Malti. Mingħalihom il-Malti qiegħed għal ta' l-irħula!

Dawn in-nies tant huma boloh li anqas biss jintebħu bil-għajb tagħhom. . .imma jekk jiftħu ftit widnejhom u jisimgħu xi darba xi diskors mill-Gvernatur Ġenerali, jew mid-Deputat Prim Ministru jew mill-Professur Aquilina jew inkella mill-Professur S. Busuttil u minn ħafna persuni oħra moħħhom f'postu jindunaw mal-ewwel li dawn il-Malti jitkellmuh tajjeb daqskemm jitkellmu lingwi barranin.

Mela jew aħna serji jew in-nies jidħqu bina!

Imma mill-banda l-oħra ma rridux naħsbu li biex titkellem tajjeb bil-Malti taqbad u tmur għax xi laqgħa jew xi xandira u se tagħmel il-mirakli. . .L-Ispirtu s-Santu ma jinżilx f'dak li jkun u jagħti d-don tal-kelma maltija u wara ħajja li fija dejjem tkellem bl-ingliż jew b'malti-taljanizzat f'daqqa waħda se jparla b'malti tajjeb.

Dawn in-nies ma nafx jekk qattx semgħu kliemi Ingliż jew Taljan jew aktar w aktar Franċiż? Qatt semgħu lil dawn jitkellmu lsienhom b'aċċent barrani jew b'ruxxmati kliem barrani?

Le, le, taħsbux li qiegħed inkabbarha! Naħseb smajtuhom bħali dwak il-ħafna studenti *puliti* ta' xi *skejjel* li jekk tkellimhom bil-malti bilkemm ma jgħidulikx li ma jafuhx, għax la jitkellmuh id-dar u lanqas l-iskola. . .Aktarx li l-għadd tagħhom qed jonqos. . .imma għadek tismagħhom iweġġgħulek widnejk fit-toroq ta' l-ibliet.

U x'ingħidu għal xi kelliema li jdaħħlu kawlata ta' lingwi jew agħar u agħar ilissnu l-vokali maltin la ngliża. Niftakar li meta din l-osservazzjoni għamiltha lil waħda xandâra qaltli li d-direttur tal-programm qatt ma qalilha b'dan. Dan igħodd ukoll għal xi kantanti li jippronunzjaw il-vokali b'mod differenti minn kif igħidhom il-Malti. Kantant Malti li kien jistudja l-Ingilterra darba qalli li qabel ma beda jkanta, il-Kumpanija li kellu jaħdem magħha bagħtitu għal lezzjonijiet taddizzjoni jew *diction*. Issa jekk ħutna l-Maltin ma jafux jippronunzjaw il-Malti hawn biżżejjed laboratorji tal-Lingwi fil-gżira biex isirilhom kors ta' xahar.

Qatt smajtu lil dawk li jannunzjaw il-wasla jew it-tluq ta' ajruplani fl-ajruport? Qatt fhimtuhom? Jien nista' ngħid li qatt ma qbadt xejn u meta staqsejthom għaliex għandhom dik l-intonazzjoni weġbuni li dik hi l-intonazzjoni adottata fid-dinja. Meta urejthom li kont għadni ġej minn Ruma u għal xi sitt sigħat smajthom jannunzjaw b'xi għaxar lingwi differenti u kull lingwa kellha l-intonazzjoni tagħha. . . . qaluli li għandi raġun. . . .imma bir-raġun bqajt!

Ma tiddejqux f'Malta Maltija tisimgħu l-ħin kollu flusna bl-Ingliż? Li tgħid ċenteżmu, żewġ ċenteżmi, għaxar ċenteżmi hi ħaġa tqila wkoll? Jien l-aħjar li sibt ngħid li dak li jkun "Bl-Ingliż ma nifhimx. Kemm hu bil-Malti? U jkolli jgħidli "Għaxar ċenteżmi, sinjur!"

Ma nistgħux naqtgħu li kull darba li jistaqsu lil xi ħadd: "Meta twelidt?" it-tweġiba ma tkunx bl-ingliż! Iva bil-għerf kollu tagħna għadna ma tgħallimniex in-numri bil-Malti? Tqila wkoll tgħid: "Twelidt fl-1930 (fl-elf disa' mija u tletin)".

U xi tgħiduli għal ħafna avviżi tal-qtugħ tal-kurrent elettriku, imbagħad l-ismijiet tat-Toroq kollha bl-Ingliż.

Il-ħażin hu li ħafna maltin tant draw dawn l-iżbalji li ma jdejquhomx. Imma kieku kulħadd jibgħat daqxejn ta' ittra pulita lil dik il-kumpanija jew skola, lil dak il-kumitat, jew lil dak id-direttur, lil dak il-bord jew lil dak is-segretarju . . . l-affarijiet jirranġaw.

Dan hu d-dmir ta' kull wieħed minna; ta' l-Għaqdiet tal-Malti; tal-Kunsill tal-Malti; tal-gazzetti u tal-mezzi tax-xandir; ta' l-għalliema u ta' l-iskejjel.

Jekk kulħadd ma jagħmilx is-sehem, żgħir kemm hu żgħir tiegħu, se nibqgħu ndaħħqu n-nies bina!

Huwa ġieħ kbir għall-Maltin li jkunu jafu jitkellmu bil-lingwi barranini iżda dan ma jfissirx li għandna nitkellmu MALTI-KAWLATA.

---

# J.P. VASSALLO: IL-PROSODIJA TIEGĦI

**Xi ftit ilu wara li ppubblikajt il-ktieb RIMI ĠDID ċempilli ħabib, feraħli għall-ktieb li qal kien għoġbu ħafna u stedinni biex nieħu te miegħu u nitħaddtu ftit fuq il-ktieb. Irringrazzjajtu u ffissajna ġurnata biex niltaqgħu.**

Meta mort, wara li ħadna t-te, qabad il-ktieb tiegħi u ftit mistħi qalli li kien sab xi difetti fil-prosodija u kien ħa l-libertà jsewwi xi uħud mill-versi. Tajt daqqa ta' għajn lil xi paġni tal-ktieb u sibthom mimlija emendi u tħarbix bil-lapis. Xi uħud mill-versi kellhom kliem miżjud, f'oħrajn kien mibdul l-ordni tal-kliem. Qalli li kien għamel dan biex l-endekasillabi, is-settenarji eċċ jkollhom il-qies sewwa.

Irrid nistqarr li meta rajt u smajt dan daħlet fija kesħa kbira u bqajt mifxul u stordut. Imbagħad għamilt kuraġġ għax indunajt illi kien ġenwin u sinċier. Għedtlu li bit-tibdil li kien għamel kien ħassar is-sbuħija u t-tifsila tal-versi u fissirtlu kif ħafna mill-poeżiji tiegħi kienu mfassla. Imbagħad hu stess issuġġerieli li nikteb xi ħaġa biex infisser dan għaliex kien żgur li ħafna mill-qarrejja tal-ktieb ma kinux fehmu dan u kienu aktarx ilumuni f'qalbhom jekk mhux bil-kelma jew bil-kitba.

Il-poeżija maltija, kważi kollha, jekk inwarrbu ħafna miktubin fl-aħħar snin, hija miktuba bil-prosodija tradizzjonali taljana u l-versi l-aktar komuni huma l-endekasillabi, is-settenarji eċċ. Dan ifisser illi l-vers hu mibni fuq żewġ fatturi: l-aċċenti ewlenin u n-numru ta' sillabi f'kull vers.

F'ħafna poeżiji tiegħi użajt sistema oħra mibnija mhux fuq l-għadd ta' sillabi iżda fuq in-numru ta' miżuri, ta' piedi illi fih kull vers. Il-piedi l-aktar komuni huma ta' żewġ sillabi bħall-ispondew, il-jambu, u t-trokew jew ta' tliet sillabi bħad-dáttilu u l-anapest. Kull wieħed minn dawn il-piedi għandu aċċent toniku. Allura dak li jgħodd fil-vers hu n-numru ta' piedi jew aċċenti toniċi f'kull vers.

Il-piedi, għalkemm mhux ta' l-istess numru ta' sillabi jew ta' l-istess għamla jistgħu jissostitwixxu wieħed lill-ieħor għaliex fil-battuta tal-vers kollha għandhom l-istess jedd għalkemm kull wieħed għandu qawwa, grazzja u karattru għalih.

Din is-sistema tersaq ħafna lejn is-sis-

tema kif tinkiteb il-mużika. Fil-mużika hemm battuti u l-battuti għandhom il-misura jew kejl illi l-kittieb jistabilixxi, ngħidu aħna 3/4, 6/8, 4/4 eċċ. Kull battuta għandha l-istess qies ta' ħin iżda mhux bil-fors l-istess numru ta' noti. Battuta ta' tliet aċċenti ewlenin p.e. 3/4 tista' tikkonsisti minn tliet noti, jew sitta, jew aktar jew inqas; iżda l-ħin mużikali hu l-istess. Għadd ta' battuti, waħda wara l-oħra, għalkemm ikollhom l-istess ħin, jista' jkollhom għadd differenti ta' noti.

Fil-fehma tiegħi, meta l-poeta jkollu ideja jew sentiment poetiku, f'daqqa waħda ma' l-ideja tinħoloq u titnissel ix-xejra tal-vers. L-istess kunċett jagħżel u jimponi l-għamla tal-vers — pentametru, tetrametru, eċċ. jiġifieri ta' ħames, erba', tliet aċċenti ewlenin. Fl-istess stanza jista' jkun hemm taħlit ta' kejl bejn il-versi iżda fuq l-ewwel stanza jiġu mfassla l-oħrajn. F'dan id-dettal il-prosodija tradizzjonali taljana hi l-istess. Importanti hu li jkun hemm varjetà li tirrifletti x-xejra ta' kull ideja u sentiment, dejjem marbutin ġewwa l-armonija ġenerali ffissata minn qabel.

Nieħdu xi siltiet fil-qosor mill-poeżija Ingliża tas-seklu XIX meta din is-sistema laħqet biex ngħid hekk l-apoġew tagħha. L-istanzi ta' "La Belle Dame Sans Merci" huma mfassla hekk:— Tliet tetrametri ġeneralment jambi u l-aħħar vers dimetru. Issa t-tielet vers ta' l-aħħar stanza, skond il-ħabib tiegħi, għandu sillaba żejda:

"Though the sedge has withered from the lake."

Seta' l-poeta jaqta' barra "Though" biex iġibu bħall-oħrajn. Iżda mhux hekk. Il-vers hu regularissmu; l-għadd ta' sillabi varja iżda l-misura tal-vers baqgħet l-istess. Il-poeta sempliċement għamel użu tas-sostituzzjoni ta' anapest flok jambu.

L-aħħar vers ta' kull stanza hu dimetru. Hawn jiġri l-istess. "And no birds sings". Dan magħmul minn żewġ spondej illi jfissru d-dwejjaq tal-kavalier. Iżda 'l isfel id-dimetru jikkonsisti minn ħames sillabi għaliex wieħed mill-piedi issa sar anapest skond il-liġi tas-sostituzzjoni. Sabiħa ħafna hija t-tibdila fir-raba' stanza:

"And her eye were wild."

Il-poeta sata' jaqta' barra s-sillaba "AND" b'ex il-vers jibqa' dimetru ta' erba' sillabi. Iżda ix-xejra tal-vers kemm hija isbaħ u tirrifletti aħjar il-ħarsa appassjonata tat-tfajla meta l-jambu jinbidel fil-mużika aktar mexxejja tal-anapest.

Araw ftit "The Blessed Damozel" ta' Rossetti. It-tfassil oriġinali hu li kull stanza jkollha sitt versi tetrametri jalternaw ma' trimetri ġeneralment ta' piedi ta' żewġ sillabi. Iżda l-mixja tal-vers tisbieħ ħafna meta kull tant jinbidel pied ta' tnejn ma' pied ta' tlieta, għalkemm, kif għedna qabel, il-qies tal-vers jibqa' l-istess. Nieħdu dawn iż-żewġ versi mill-ewwel stanza:

"Of waters stilled at even"

u

"And the stars in her hair were seven."

Iż-żewġ versi huma trimetri, iż-żewġ battuti għandhom l-istess qies, iżda l-mużika ta' l-aħħar vers tbiddlet għax ġew sostitwiti żewġ piedi ta' tlieta għal tnejn ta' tnejn. Bħal dawn hemm ħafna eżempji oħra fl-istess poeżija.

"Rocco" ta' Swinburne hi miktuba bi stanzi ta' tmien versi trimetri ta' żewġ sillabi. L-istess jiġri hawn. Kultant il-piedi ta' tnejn jiġu ssostitwiti b'wieħed ta' tlieta u anki l-piedi ta' tnejn jistgħu jinbidlu kontinwament minn jambi għal trokej eċċ. Dan jevita l-monotonija u jagħti interpretazzjoni aktar mużikali lill-ideja.

Issa nieħu xi ftit mill-poeżiji tiegħi biex infisser dak li għidt. Ħafna mill-poeżiji huma miktuba bi prosodija tradizzjonali — endekasillabi, eċċ., iżda jien sejjer nagħti eżempji mill-oħrajn.

"Il-Ballata ta' Marija", "Pjazza Reġina", "Ballata Sewda" u "Bejni u Bejn Ruħi" jagħtu l-impressjoni li l-versi huma settenarji. Veru li ħafna mill-versi huma settenarji iżda t-tfassila metrika mhix ta' settenarji iżda ta' TRIMETRI, ta' jambi u ta' trokej katalettiċi, kultant imżewqa bis-sostituzzjoni ta' anapesti. Nieħu l-aħħar vers ta' l-ewwel stanza: Mane, Thekel, Phares. Kieku ridt stajt inżid is-sillaba "U" bejn Thekel u Phares biex nagħmel il-vers settenarju. Dan kien imur kontra l-ispirtu metriku tal-poeżija. Il-vers għandu sitt sillabi iżda hu trimetru, ta' tliet piedi: tliet trokej bl-aħħar pied katalettiku. B'dan il-mod ippreservajt is-sens ta' drammatiċità u l-qosor kważi ġudizzjarju tal-frażi.

"Pjazza Reġina" għandha l-istess għamla metrika, għalkemm ħafna mill-versi jgħoddu qishom settenarji. Nieħdu żewġ versi, it-tielet vers tat-tieni stanza u l-aħħar vers ta' l-aħħar stanza.:

a) "Il-ġemgħa lablaba tan-nies"

u

b) "Għebu kullimkien."

L-ewwel vers għandu xejn inqas minn

*(jissokta f'paġna 23)*

# jikteb karmenu vassallo

## jien u oħrajn

Jien ma jien ħadd u ma jien xejn. Mhux talli ma niġix qabel ħaddieħor, imma talli naħbat wara bosta u bosta oħrajn. Mela għaliex bdejt bil-kelma 'jien' u mhux bil-kelma 'oħrajn'? Għal ħaddieħor ma nafx, imma għalija t-tweġiba tidher ħafifa kemm tista' tkun. M'humiex l-oħrajn li ser itarrfu jew igħarrfu b'dil-kitba x'jafu jew x'jaħsbu jew x'jidhrilhom dwarhom infushom u dwari. Huwa 'jien' li qed nikteb u mhux 'huma' — għallinqas hawnhekk u f'dan il-ħin. Għalhekk hija ħaġa minn ewl id-dinja li, mqar bla ma rrid, ikolli nitqiegħed qabilhom safejn u sakemm tidħol il-kelma 'jien' — kelma li tista' tfisser xi ħaġa u tista' wkoll ma tfisser xejn għal min jidhirlu li b'ras għerfu laħaq il-kwiekeb u farrak u tefa qabda minnhom.

Minn dak li s'irt naf meta kbirt, għandi nifhem li jien ukoll twelidt għarwien ħuta u bdejt nibki malli nbżaqt minn ġuf ommi. U s'hawn ma kien hemm xejn x'jagħżilni minn għajri. Iżda meta minn tarbija sfajt tfajjel ta' xi sitt snin intbaht li xi ħaġa x'tagħżilni jew x'taqtagħni minn tfal oħra ta' mpari kien hemm. Dik il-ħabta niftakarni noqgħod San Ġiljan fejn ommi u missieri kienu ħaduni magħhom mis-Siġġiewi fejn twelidt u li lejh dejjem kont u bqajt tassew miġbud. Għalkemm naħseb li kont nixtieq nissieħeb ma' dawk it-tfal ta' mpari fil-logħob u fil-bqija, ma nafx għal'ex qatt ma seħħli nagħmel hekk. Lilhom għadni niftakarhom, qisu l-bieraħ, jixxiegħlu fil-logħob tal-buttuni u f'logħob ieħor kif ukoll jintrefgħu (ma niftakarx kienx ikun hemm ukoll tfal bniet imħalltin mas-subien) f'ħoġor xulxin. Imma jien le. Lili ma kinux iridu jxerkuni magħhom.

Żidt imbagħad nikber u nitfarfar u nixraf, u darba fost l-oħrajn, b'sogħba kbira tiegħi, kelli nsir naf x'kien dak li kont tabilħaqq inbati bih — nuqqas fil-ġisem li la ġibtu b'idejja jien u lanqas ma ħtew għalih ommi u missieri, għalkemm kienu huma li wellduni bih minkejja li dan ma xtaquh qatt. Dak in-nhar sibt li s-sentenza ħarxa ta' ħajti kienu qatgħuhieli l-allat meta kont għadni f'żaqq ommi — sentenza li għomri kelli ngħixu għoddni mejjet: irrid u ma nistax, nar f'qalbi u silġ madwari, għatx klubi ta' gwerrier midfun f'deżert.

F'waħda mill-poeżiji tiegħi ma nqastx nagħti ħjiel, anzi ħjiel ċar, ta' dan. Snin qabel kont ukoll tlabt lil xi ħadd "ma jistmerrx il-libsa ta' kruhiti" billi ġmieli, bħala ħaġa għażiża, dejjem ħbejtu jew ippruvajt naħbih. Dak li fhimt infisser sebgħa u tletin sena ilu l-tfajla ta' mħabbti kien sewwa sew dak li madwar elfejn sena ilu kien qal għalih innifsu l-poeta Latin Ovidju fil-vers:

*Ingenio formae damna rependo meae.*

* * *

Meta bdew jixxandru l-ewwel poeżiji tiegħi, l-ismijiet ta' Rużar Briffa u ta' Ġorġ Pisani bħala poeti kienu diġà stabiliti. Dik il-ħabta, jiġifieri xi erbgħin sena ilu, mhux talli kont għadni ma nafhomx lil dawn iż-żewġ poeti żgħażagħ, imma talli lanqas biss kont rajthom b'għajnejja. B'danakollu, mingħajr ma huma kienu jafuh, jien kont diġà bnejtilhom f'qalbi niċċa ta' għożża u qima — niċċa ta' ġieh li għadha wieqfa u sħiħa sal-lum. Fil-għomor, ta' l-ewwel kien jiġi seba' snin qabli u t-tieni erbgħa. Fil-poeżija, meta huma kienu għoddhom saru ġganti, jien kont għadni bilkemm ħloqt. U huma, la dak iż-żmien u lanqas wara li ħriġt l-ewwel ktieb ta' poeżiji tiegħi *NIRIEN* fl-1938, ma tħajjru juru lili jew lil ħaddieħor li ħdejhom kont insarraf ħaqq pipa tabakk. Anzi Dr. Briffa, f'taħdita li kien għamel dwar il-letteratura Maltija f'waħda mis-swali ta' l-Università Rjali meta jien fl-1939 kont ħriġt it-tieni ktieb tiegħi, imgħammed *"alla taż-żgħażagħ"* (ktieb ta' proża letterarja ta' siwi mill-inqas), biex donnu juri kemm għalih il-poeżiji tiegħi ma kienu jfissru jew isarrfu xejn, il-ktieb *NIRIEN* ma semmiehx, u minflok għażel li jsemmi l-ieħor.

Dak in-nhar qalbi għamlet tikk, u bejni u bejn ruħi għedt: "Għal Dun Karm ma kontx u sirt; u għal Briffa la kont u lanqas ma jien poeta." Briffa kien aktar iebes miegħi minn Dun Karm. U domna snin imbegħdin qatigħ wieħed mill-ieħor dwar kif kellha tkun tabilħaqq damma versi bil-Malti biex ikollha l-jedd tissejjaħ 'poeżija' tassew. U, milli jidher, bqajna ma qbilniex bejnietna hu u jien dwar hekk, u lanqas

ma sirna midħla wisq ta' xulxin. Bejni u bejn Pisani, imbagħad, ma nafx kinitx jew setgħetx tkun akbar qrubitna minn dik ta' bejni u Briffa. La mal-wieħed u lanqas ma' l-ieħor ma seħħli nintrabat b'dik li hi tassew ħbiberija — għalkemm qatt ma konna u lanqas kien hemm għalfejn inkunu għedewwa ta' xulxin. Lil Dun Karm kont u bqajt nafu aktar mill-qrib, minkejja li kien ta' kliem ftit. U kont insibu aktar dħuli u ħelu minnhom miegħi.

Mal-Professur Patri Anastasju Cuschieri kont ningieb ġmieli wkoll. Jien kont inqimu u hu, milli rajt b'għajnejja u milli ġarrabt fil-ftit drabi li ltqajna wiċċ imb'wiċċ bejnietna, kellu idea tajba sew tiegħi nnifsi bħala kittieb. Għall-bidu ta' l-aħħar Gwerra Kbira l-Professur Karmelitan Cuschieri, b'ex jitbiegħed u jitħares kemm jista' jkun mit-tfigħ tal-bombi mill-ajruplani għedewwa fuq Gżiritna, kien inġabar fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi, Birkirkara, fejn jien kont u bqajt ngħallem sa nofs is-sena 1941. L-ewwel darba li rajna mill-qrib wiċċ xulxin u għedna kelmtejn lil xulxin kien hemmhekk u f'dak iż-żmien ta' ħbit mill-ajru — żmien ta' biża' u taqtigħ il-qalb, ta' nirien u ħerba u mwiet. Wara l-Gwerra rajna lil xulxin aktar minn darba. Darba minnhom Patri Cuschieri stedinni nidħol miegħu s-'Civil Service Sports Club', fi Triq l-Arċisqof, il-Belt, staqsieni x'ridt nixrob, u bis-saħħa tiegħu doqt għall-ewwel darba x-xarba 'Seven-Up' li tassew sibtha taqta' l-għatx. Il-ħin kien wara nofs in-nhar ta' jum sajfi. Xhin ħriġna barra minn fejn konna, għajrejna marru minnufih fuq xi persuni barranin li kienu jagħmlu sehem minn 'Circo' u li fosthom, miżmum minn idu, kien hemm nanu — in-nanu tal-Kummiedja. Patri Cuschieri tmeżmeż u tkaża mhux ftit b'dik il-wirja tan-nanu aktarx b'għan ta' propaganda fit-toroq tal-Belt. Meta konna għadna ġewwa nixorbu u nitħaddtu rasu u rasi, kliem il-Professsur Cuschieri dwar il-Poeta Nazzjonali bħala saċerdot kien aktarx iebes u nieqes ukoll mill-mogħdrija. Ma' tul l-aħħar marda tiegħu fil-Kunvent tal-Karmnu, il-Belt, żortu darbtejn: l-ewwel darba, minkejja li mikdud bil-mard fil-għomor ta' 86 sena, kellimni bi ħlewwa kbira u deher li tfarraġ u ħa gost bil-miġja tiegħi u b'li għedtlu dwar vrusu bil-Latin, bit-Taljan u bil-Malti; it-tieni darba sibtu għajjien ħafna, wiċċu 'l ġewwa f'sodditu u aktarx rieqed, u għalhekk dik il-għaxija ma kellimtux, sellimtlu minn taħt l-ilsien u tlabtu jberikni, ħallejtlu l-larinġ li kont ħadtlu ma' patri ieħor, u ħriġt ħiemed minn ħdejh b'qalbi mugħugħa. Meta mbagħad żortu għall-aħħar darba, flok f'ċelltu marid, sibtu magħluq f'tebut imqiegħed aktarx fil-għoli f'nofs il-Knisja tal-Karmnu, il-Belt, u bkejt bla ħoss fis-skiet.

Għad li twelidna t-tnejn is-Siġġiewi, u ommu u ziti Rożanna (li magħha trabbejt u bqajt noqgħod sa ma mietet fit-2 t'April, 1939, wara li kienet mitlli ommi fid-9 ta' Frar, 1920) kienu ħbieb u midħla sewwa ta' xulxin, lil Patri Ġużeppi Delia, S.J., domt żmien twil ma sirt nafu billi mindu kien tifel sa ma qaddes f'Dublin, l-Irlanda, fl-1930 (meta jien kont għadni ta' sbatax-il sena) inqata' u baqa' mbiegħed minn raħlu. Fost ħutu kollha, minbarra wieħed li kien imsiefer l-Amerka, lilu l-aħħar li sirt naf. Kollu minnu li mill-1923 sal-1927, bejn tmiem il-kors tal-Filosofija u l-bidu tal-kors tat-Teoloġija, qatta' erba' snin igħallem hawn Malta fil-Kulleġġ tiegħu u ta' sħabu l-Patrijiet Ġiżwiti f'Birkirkara. B'danakollu meta jien dħalt nitgħallem f'dak il-Kulleġġ fl-1928, Patri Delia kien ilu xi sena li telaq minn hinn biex jissokta l-istudji tiegħu barra minn artu. Meta mbagħad iltqajna għall-ewwel darba wiċċ imb'wiċċ hu u jien, ma niftakarx liema sena kienet. Naf biss li fis-17 ta' Diċembru, 1931, kien bagħatli minn Ruma (Piazza del Gesù, 45) ittra bit-Taljan li fiha, fost kliem ieħor, qalli: *"Carissimo Carmelino, verrà un giorno quando Siġġiewi sarà fiero di te."* Fl-1939, meta jien bdejt ngħallem il-Malti u t-Taljan fil-Kulleġġ San Alwiġi, il-poeta Patri Delia kien ilu diġà ħames snin Rettur ta' dak il-Kulleġġ.

Is-snin ta' bejn l-1930 u l-1939 kienu għalija snin ta' sfida, snin ta' taqtiq il-qalb ta' ħolm u ta' tamiet, snin li fihom tqabadt kemm flaħt mal-mewt ta' ħajti u ġrejt u bqajt niġri b'kemm kelli saħħa u ħila wara s-seħer ta' l-Ideal bil-ħsieb waħdieni u t-tama qawwija li nilħqu qabel ma jinqata' nifsi. Fil-ħaqq u s-sewwa, il-ġiri ta' mħabbti wara ġmiel il-Poeżija kien beda xi snin qabel, jiġifieri meta jiena kont għadni fit-tielet klassi ta' l-Iskola Elementari tal-Gvern f'raħal twelidi li ltqajt għall-ewwel darba ma' sunett bit-Taljan, imgħammed *Autunno*, li għadni nafu bl-amment sal-lum u li l-ewwel żewġ kwartini tiegħu huma dawn:

*Ecco l'autunno a temperar l'arsura*
*del sole che così bello risplende:*
*dai pampini traspar l'uva matura*
*e dai contorti rami il fico pende.*

*Su per i poggi e giù nella pianura*
*v'è gran fretta di rustiche faccende:*
*l'uno d'arere o di vangar si cura;*
*alla vendemmia l'altro lieto attende.*

Fl-istħarriġ bil-fomm li kienu għamluli xi għalliema Ġiżwiti fl-1928 biex inkun nista' nibda t-tagħlim sekondarju tiegħi fil-Kulleġġ tagħhom f'Birkirkara mill-'Prima Media' u mhux mill-'Classe Preparatoria' kien dan is-sunett li qalagħni u wassalni biex inġibha żewġ. Barra milli tennejtu sħiħ bl-amment, niftakar li kont weġibt tajjeb ħafna għall-mistoqsijiet kollha li saruli (m'għandniex xi ngħidu, bit-Taljan) dwar l-erba' staġuni tas-sena u dwar liema minnhom huma ta' ġens raġel jew ta' ġens mara, dwar l-artiklu definit u indefinit, dwar il-verbi awżiljari 'essere' u 'avere', u xi partijiet oħra tad-diskors. Għal xi mistoqsijiet dwar ir-Reliġjon niftakar li kont tennejtilhom bil-Latin il-'Pater noster', l-Ave Marija' u l-'Gloria', il-'Credo' u s-'Salve Regina' — u dan minħabba li, għalkemm ma kontx nafhom bit-Taljan, kont tgħillimthom bil-Latin meta bħala abbatinu kont inkantahom fil-Kor tal-Parroċċa mal-qassisin waqt il-Għasar ta' nhar ta' Sibt u waqt il-Quddies Kantat fil-Ħdud u l-Festi. Meta staqsewni jekk kontx naf intenni bil-Latin il-Litanija tal-Madonna u weġibthom li kont nafha xi ftit aħjar minn bosta nies f'raħal twelidi (min ma jiftakarx kemm kienu jgħassdu fiha u kif kienu jgħawwġu u jdawwru kliemha dawk ta' bla skola?!), ħabtu jitbissmu; iżda ma naħsibx li seħħli nfehemhom sewwa bit-Taljan tiegħi ta' dak iż-żmien x'ridt ingħid jew x'ridt infisser, għax kieku kienu mhux biss jaqbdu jitbissmu imma jinfaqgħu bid-daħk.

Naf li dan, għal min jaqra, jista' jkun kollu kliem żejjed jew bla ħtieġa; imma għalija mhux. Għax kien *dak* il-bidu ta' kulma ġie wara, jiġifieri ta' kemm tagħlim kien għad jonqosni nikseb biex 'il quddiem ikun nista' ninqeda bil-pinna tiegħi kif imiss u kif jitolbu r-rwiegel ta' sengħet il-kitba bla ma ħadd ikollu għalfejn ilumni jew ireġħexni.

Meta kont għadni tifel, ziti Rożanna (oħt missieri) tħajjret aktar minn darba toftomni ħesrem mill-iskola biex 'il quddiem inkun ħajjât. Iżda jien, għalkemm kont inqtajt mill-iskola għal żmien qasir, irnexxieli narġa' nibda mmur — u bqajt. Minkejja li aktarx nidher najxu jew ġwejjed iżżejjed, dejjem kelli rieda qawwija mhux ftit kif, aktar 'il quddiem f'ħajti, sibt li kellu fost nies kbar oħra Vittorio Alfieri, l-aqwa kittieb Taljan fil-qasam tat-traġedja, li ħalla miktub dwaru nnifsu: *"Volli, sempre volli, fortissimamente volli."*

Sa minn dak iż-żmien li kont għadni l-Iskola Elementari, tgħallimt il-Malti waħdi bis-saħħa ta' xi poeżiji — l-aktar dawk ippremjati — li kien ikun hemm f'taqsima għalihom ta' l-almanakk ta' Giovanni Muscat, *Pronostku Malti,* almanakk li dik il-ħabta kien jinbiegħ sold u nofs. Imma jien, dak iż-żmien, lanqas sold u nofs ma kien ikolli biex nixtrih, għalkemm l-almanakk kien joħroġ biss darba f'sena. Kien jixtrihuli wieħed li jien kont immur ngħinu fil-ħjata ma' tul il-ħin battâl li kien ikolli, u l-aktar ma' tul il-btajjel tal-Milied, tal-Għid u tas-Sajf. Iżda l-imgħallem (Pietru Cassar imlaqqam 'Ta' Bandallu') ma kienx iħallini nieħu l-almanakk ta' Muscat id-dar. Kien iħallih fil-kexxun tal-magna tal-ħjata, u biex naqra dak li jogħġobni fih kont irrid immur il-ħanut tiegħu. Tinsewx li jien kont għadni tifel u għalhekk l-imgħallem aktar kien iqisni u jgħoddni bħala wieħed ta' ġewwa milli bħala lavrant. U tabilħaqq lavrant jew impjegat miegħu ma kontx. B'hiex niftaħar m'għandix u qatt ma kelli. Imma l-lum jagħtini naħseb li dak il-ħajjat (Alla jaħfirlu u jagħtih il-Ġenna) u ħabib ta' tfuliti kellu idea tajba ġmielha tiegħi bħala tifel studjuż. Kieku ma kienx hekk, kif kien iħallini nqalleb u naqra l-almanakk ta' Muscat f'ħanutu u saħansitra nħażżeż u ndomm l-ewwel versi tiegħi dwar "Il-Bebbuxu' fuq il-mejda tiegħu tat-tifsil u tal-mogħdija?

Bħalissa qiegħed mhux biss niftakar f'dawk iż-żminijiet, imma saħansitra nġeddidhom u nġarrabhom mill-ġdid. Kienu żminijiet ta' faqar u għaks, żminijiet ta' ġuħ u ta' tbatija, ta' ħmieġ u injuranza, u ma nafx kemm nuqqasijiet oħra fil-għajxien tal-biċċa l-kbira ta' ġensna. Niftakar li, darba fost l-oħrajn, kien ġie jżur l-Iskola Elementari tas-Siġġiewi l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, il-Professur (wara *Sir*) Augustus Bartolo, u meta daħal fil-klassi fejn kont jien qalilna bl-Ingliż biex fil-għodu, wara li nqumu u qabel ma mmorru l-Knisja u niġu l-iskola, naħslu wiċċna tajjeb bis-sapun — u mhux wiċċna biss. Jien, meta wsalt id-dar mill-iskola u għedt lil ziti x'kien qalilna l-Ministru, ziti dlonk qabżet u qaltli: "Biex tinħasel irid ikollok b'hiex. Jekk il-Ministru iridkom tmorru l-iskola ndaf, għax ma qabadx u takom sapuna kull wieħed hu?"

Imm'issa dak kollu għadda. Missirijietna,

nannietna u bużnannietna sabu żminijiet agħar minn dawk li sibt jien f'żgħoriti, u b'danakollu għexu, iżżewwġu, kabbru u kattru r-razza, xjieħu u mietu u marru biex qatt ma jerġgħu jiġu, kif għamlu miljuni oħra ta' nies qabilhom u kif għad jagħmlu miljuni oħrajn warajhom, fosthom aħna. Tajjeb jew ħażin, id-dinja dejjem imxiet u għadha miexja. Busilha għajnha! Minnaħa l-oħra (biex dak li hu tagħha nagħtuhulha kif inhu xieraq), kienu x'kienu ż-żminijiet fl-imgħoddi u kienu kemm kienu ż-żminijiet ta' tbatija u ta' tiċħid u għaks, id-dinja qatt ma naqset tagħti nies tassew għorrief u kbar f'kull qasam tal-ħajja: profeti u poeti, statisti u politiċi, filosofi u filantropi, oraturi u edukaturi, esploraturi u baħħara, xjenzjati u artisti, mużiċisti u pitturi, qaddisin u eretiċi, teoloġi u tobba, inventuri u periti, u x'naf jien.

Biex narġa' għal żmien tfuliti u għalija nnifsi bħala pespus ħdejn qabda ajkli, nixtieq intenni li l-*Pronostku Malti,* bħala mixtla letterarja, qabbadni t-triq twila u aktarx imwiegħra tal-Poeżija Maltija u kien ukoll hu li ħabbibni għall-ewwel darba ma' għadd ta' poeti Maltin li dak iż-żmien kienu jiktbu u jxandru xi poeżiji minn tagħhom fih, fosthom V. Mifsud Bonnici u Dun Pietru Pawl Grima, Karm Sant ta' Baħar iċ-Ċagħaq u Dun Ġużepp Farrugia taż-Żurrieq (imlaqqam 'il-Lasta'), Ġużè Orlando u Ġino Muscat-Azzopardi, Salvu Agius ta' Ħal Lija u Giovanni Azzopardi (li dak iż-żmien kien Seminarist) ta' Tas-Sliema, Ġ. Delia S.J. u Rużar Briffa, Nikol Biancardi u F.S. Caruana, u (aktar qrib lejn meta bdejt nibgħat xi versi bikrin jien innifsi bit-tama li jidhru fil-*Pronostku Malti*) Arthur Vassallo u Ġorġ Pisani, Mary Meylak (taħt l-isem b'ieħor ta' 'Qamar Ġdid') u Ġużè Chetcuti, Anton Buttigieg u Ġużè Pesci. Xi drabi, barra mill-Konkors ta' Poeżiji, kien ikun hemm fl-almanakk ta' Muscat xi sunetti jew poeżiji ta' Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali tagħna, fosthom *Omm* (P.M. 1928), iż-żewġ sunetti *Nhar San Ġwann* u *Mater Purissima* (P.M. 1929), *Univers Ieħor* (P.M. 1930), *Wied Qirda* (P.M. 1933), *Dehra tat-VIII ta' Settembru, 1565* (P.M. 1935), *Sejħa* (P.M. 1936), u *Rieda Sħiħa* (P.M. 1937) — l-aħħar sunett tiegħu f'dak l-almanakk, meta jien bil-poeżija tiegħi*Lit-Tfajla ta' Mħabbti* (miktuba fid-29 t'April, 1936) ksibt għall-ewwel darba l-ewwel premju wara li fil-Konkors tas-sena ta' qabel kont ingħatajt it-tielet premju għall-poeżija tiegħi *Dejjem . . . Qatt*! (miktuba bejn April u Mejju tal-1935. U ma wqaftx hemm.

4 t'Awissu, 1973. K. VASSALLO.

---

(*jaqbad ma' paġna 19*)

tmien sillabi u l-aħħar ħamsa biss. Iżda t-tnejn miktuba skond il-pjan metriku oriġinali: trimetru. L-ewwel vers jiddiskrivi l-għagħa tan-nies, il-volum u l-konfużjoni tal-folla; għalhekk daħħalt żewġ anapesti flok il-jambi jew trokej. L-ilħna konfużi tal-folla huma aċċentwati mir-ripetizzjoni tal-"A" u tal-"G" fl-ewwel tliet versi ta' l-istess stanza.

L-aħħar vers hu xott għaliex jindika finalità; għandu biss ħames sillabi iżda hu trimetru — katalettiku — bħall-oħrajn.

**Il-Ballata tad-Disa' u Wieħed**

Lil Peter.

1 Konna għaxra, merħla mniġġza,
Ġo kulħadd innisslu qżież,
Ngħixu f'għar u fuq il-miżbla
Ħajja kiefra, 'l bogħod min-nies.

2 Biċċa biċċa konna nagħħu
U nitmermru msewsin;
Lanqas ħniena magħna kellna,
Konna nisħtu lil xulxin.

3 Meta x-xemx titla' filgħodu
Fuq il-miżbla konna nħaffu
Biex l-intiena ta' ġisimna
Qalb id-demel ftit intaffu.

4. Sħetna x-xemx u sħetna l-qamar,
Kienu biss idawlu l-hemm
U juruna d-dawl tal-ħajja
Bil-ftit ftit kien qed jintemm.

5. Kultant lejna kien jaslilna
Għana ħelu f'żmien id-dris,
Jew fiż-żmien tal-qtugħ ta' l-għeneb
Meta jferraħ l-għajn bil-pis.

6. Kien dan l-għana ifakkarni
Meta darba ħabbejt waħda;
Issa donnu xafra tikwi
Kien ixoqqli l-qalb biċ-ċaħda.

7. Minn ġo qalbna issa nqered
L-aħħar għerq ta' sliem u tama;
Nistennew bla ferħ, bla biża'
It-tgħanniq tal-mewt mudlama.

J.P. Vassallo

# darba minnhom jien u sejjer lura d-dar bil-karrozza tal-linja

TA' FRANS SAMMUT

JEKK jarak tirkeb il-karrozza tal-linja, hawn min iħares lejk bi tmaqdir. Għax jekk tuża dal-mezz ta' trasport ifisser li jew għadek fl-iskaluna t'isfel tas-soċjetà jew li kont f'xi skaluna 'l fuq, mort żmerċ x'imkien u rġajt inżilt 'l isfel. Għalhekk hawn min jiddejjen imqar aktar milli jiflaħ biex jixtri naqra ta' karrozza li tkun "tiegħu" u jkun jista' jgħaddi mit-toroq bħala ċittadin ta' l-ewwel kategorija u jħares 'l isfel lejn dawk il-fqar u batuti li biex imorru minn imkien għal ieħor ikollhom jew jqattgħu s-soletta taż-żarbun jew jirkbu l-karrozza tal-pass.

Ngħid għalija nivvjaġġa bil-karrozzi tal-linja mill-inqas erba' darbiet kuljum. Mhux biss għax m'għandix boqxiex biex inżomm karrozza żgħira (fil-każ nista' nagħmel bħan-nies u niddejjen) iżda wkoll għaliex mawra bix-*char-a-banc* inħossha taħjini u sserraħni. Inħossni komdu, minkejja li xi drabi titla' kull mara daqs bettija ma' ġenbi u trossni ma' l-injam tal-ġenb — jekk tkun mażokista mqar dan inkonvenjent iddawru f'sensazzjoni sabiħa —b'minkbi nistrieħ ma' ħoġor it-tieqa, noqgħod inħares 'il barra nara n-nies, li għoddni drajtha, miexja bil-lajma jew bil-għaġla fit-triq, jew tixxemmex fuq l-għatbiebi fix-xhur xitwin u tistkenn fid-dell mill-imrieżaq qliel tax-xemx sajfija. Minn wara t-tieqa tal-karrozza nedha nosserva l-ħajja tal-lum bl-għajnejn ta' wieħed li għalih jiġri x'jiġri għalih xorta waħda. Fuq kollox, fuq dal-mezz pubbliku ta' trasport għandi l-vantaġġ li hemm ħaddieħor jerfa' r-responsabbiltà li jwassalni fejn irrid immur bla m'għandi għalfejn inħabbel rasi xejn.

Igħidu x'igħidu kontra l-karrozzi tal-linja, bil-kundutturi lebsin ħożoż u goffi daqs l-aboriġni ta' l-Awstralja u l-*inspectors* f'żaqqhom kbira ħierġa minn fuq iċ-ċintorin jew is-sewwieq li jwaqqaf jew jistartja kull xħin jfettillu, qalbi tibqa' marbuta magħhom bis-sħiħ!

Semmejt lix-xufiera. Żorri kemm huma żorri, mqita donnha it-toroq tagħhom, jekk tagħraf tgħoddhom ta' li huma m'għandekx issibhom mill-agħar daqskemm taħsibhom u bi ftit għaqal għandek tidħak xi żewġ daħkiet bihom ukoll. Mela ħa nsemmilkom każ ta' wieħed minnhom.

Konna ilna li tlaqna mir-raħal iktar minn għaxar minuti u x-xufier ma kienx għamel ħlief isuq bil-ħmistax donnu kien miftiehem mal-bord tat-turiżmu u ried jiżgura ruħu li lkoll kemm aħna, mqar dawk li kienu qed jinkaljaw fix-xemx ta' wara nofsinhar, gawdejna x-xenarju biżżejjed. Mela xħin naslu fl-ewwel raħal fejn is-soltu jżid il-veloċità għall-inqas għal ħamsa u għoxrin u kulħadd jieħu n-nifs barra minn xi għażżien bħali li b'mentalità medjevali m'għandux sens ta' ħin tfiġġ mara min-naħa l-oħra tat-triq tgħajjat u xxejjer idejha.

Ix-xufier waqqaf zoptu. Kulħadd xiref mit-tieqa biex jara x'inqala', u għarrixna iktar meta naraw lix-xufier jaqbeż mill-kabina għall-art, igħid xi ħaġa lil dil-mara, jaqsam it-triq, imur quddiem bieb ta' dar, igħolli riġlu tal-lemin donnu *wrestler* tassengħa u b'daqqa waħda jitfa' l-bieb ġewwa; imbagħad donnu mhux hu, jew donnu dil-ħaġa jagħmilha kuljum, idur lura u bl-arja ta' wieħed li qeda dmiru jerġa' jitla' fil-kabina, jistartja u nissuktaw fi triqtna lejn il-Belt.

Wara sirt naf li dik il-mara kienet martu u kienet ingħalqet barra; kellha xortiha tajba għax dak kien il-ħin li żewġha jgħaddi minn quddiemhom. Kienet qagħdet bil-qiegħda fuq l-għatba qisu ma ġara xejn, tistenna li jasal il-feddej li jerġa' jiftħilha l-bieb ta' darha u jisfida l-qilla ta' dak il-bieb misħut bħalma l-kavalier Ġorġi għeleb lid-dragun u ħeles lil dik il-verġni msejkna.

Mhux il-passiġġieri kollha rawha bħali dil-ġrajja, imma jien inħallas nofs ġidi biex nara xi varjazzjoni tagħhom kuljum. Is-sens t'osservazzjoni tiegħi, il-fatt li rrid is-suġġetti fuqhiex nikteb, il-fatt li ili li qbiżt l-għoxrin (l-ewwel 20 sena ta' kull kittieb huma mimlija bl-esperjenza tiegħu nnifsu; is-snin ta' wara jistgħu joffrulu biss

għalf għall-osservazzjoni), il-fatt li jien kurjuż u sindikajr minn qaddisi, dal-fatturi kollha jeħtieġu ġrajjiet bħal dawn bħalma bniedem xurban jeħtieġ dak it-terz inbid biex ma jaqtax qalbu mill-ħajja għal kollox.

Imma l-isbaħ żmien tas-sena meta nitgħaxxaq l-iktar bil-vjaġġi tal-linja huma l-għaxijiet ta' Mejju. Jien u sejjer lura lejn id-dormitorju (għalija r-raħal li trabbejt u ngħammar fih huwa biss marqad fisskiet) għall-ħabta tad-disgħa u nofs, bilqamar jiddi fis-sema iżraq skur, jitfa' mrieżaq tarja fuq il-pajsaġġ li tul il-jum igħammixlek għajnejk bl-imrieżaq qalila tax-xemx isammru fuqu, inħossni f'ġenna ta' l-art, jew għall-inqas fil-ħlewwa tassnin għoxrin — din kbira li nħobb daqshekk lil das-snin li qatt m'għixt fihom! — u noħlom bin-nanniet sejrin lura d-dar bilħmar jew bil-bagħal, għajjenin mejtin iżda hienja bil-ħidma li wettqu matulek ja jum, biex igħajxu lill-familja ta' disgħa jew għaxra (it-t.v. kien għadu proġett futurista) u jgħidu r-rużarju fuq ix-xatba talkarrettun jitbandal mat-tumbati tat-triq imħarbta.

Meta jkunu l-iljieli fitlin ta' Mejju, għallħabta tad-disgħa u nofs, u jien inkun rieġa' lura lejn il-bejta bħar-raġel tajjeb li jien, u n-nies ta' madwari, ħaddiema tattarzna, burdnara, reffiegħa tax-xatt u tfajliet qaddejja Tas-Sliema jkunu jitkellmu fuq ħwejjeġ żgħar, inħossni nitbennen malmixi tal-karrozza bħat-tfal li kienet tmur għajnhom bihom fil-benniena tal-karrettuni, qalbi togħxa u nħossni mhejji li nħobb l-umanità u nara fiha biss tjubija u mħabba.

Darba minnhom kelli dal-burj tal-ħolm hieni, b'qalbi titgħawwem fil-mewġ tassliem, u ġismi jistrieħ fuq il-bank iebes li kont waħdi fuqu billi l-passiġġieri ta' ħdejja kien niżel fir-raħal ta' qabel.

Ma kont qed naħseb f'xejn (kont għadni għażeb) ħlief xi ftit fuq il-btajjel tas-sajf li kienu resqin u kont se nibda naħseb fuq il-bliet ta' l-Italja li nżur fihom xħin leħen irqiq ġej mill-bankijiet ta' wara nessieni s-safar kollu bil-ħlewwa tiegħu. Bqajt inħares 'il quddiem għax oqtluni u nħares f'wiċċ min ikun jitkellem għall-affari tiegħu u qgħadt nisma' t-taħdida li għaddiet bejn dal-leħen sabiħ u ż-żewġt ilħna l-oħra, sbieħ ukoll, li bdew iwieġbuh.

Magħhom żdied leħen ieħor, ta' tifla żgħira, ħelu u mfissed issemmix, u t-taħdita baqgħet sejra: daqqa jitkellmu lkoll f'salt, daqqa jieqfu għal ftit sa ma xi ħadd, kif stajt nobsor, joħroġ xi ħaġa mill-basket tax-xiri, daqqa jidħku daħka sħuna ferriħija. U jien bqajt inħares 'il quddiem lejn it-tabelli ta' mal-kabina tas-sewwieq: "HIJA LA TIDGHIX" (b'lifgħa daqshiex ħierġa minn ħalq wieħed midgħi), "VIVA SAN ĠUŻEPP" (impittra bi lwien igħajtu vulgari), "LOVE ME OR LEAVE ME" (b'Lolita tikxef koxxtejha f'tango Spanjol) u ritratt daqshiex ta' Cliff Richard b'reklam qadim ta' "SUMMER HOLIDAY", nagħmel tabirruħi m'iniex nisma' dik it-taħdita ħelwa li serqitli qalbi.

Kif ġejna fid-diżabitat, dlam taqtgħu b'sikkina tneħħi l-ftit dawl tal-qamar, fejn l-ispettri tan-nanniet għaddejjin fuq ilkarrettuni jieħdu l-ħajja, is-sewwieq tefa tnejn mill-bozoz li kien baqa' mixgħulin biex jiffranka l-batterija u l-atmosfera filġewwieni tal-karrozza sar donnu surrejalistiku. Il-kunduttur beda jgħanni għanja mgħobbija bin-niket tas-sekli minn fuq listaffa, u kelli nqabbeż widnejja xibrejn 'il barra biex nibqa' nisma' dik it-taħdita mqanqla.

Dawwart ħarsti 'l barra ġod-dalma sfiqa u l-kliem ġej jofroq l-għanja u jaħbat ma' widnejja beda joħloqli xena sabiħa li niżlitli għasel. Għalkemm bħala kittieb dejjem ġibduni karattri biżżarri, eċċentriċi għax bl-imġiba stramba tagħhom narahom jirriflettu l-ġibdiet tal-bqija ta' l-umanità li minħabba s-sens komun u l-għaqal titrażżan u ma ġġibx ruħha bħalhom, fil-qalba ta' qalbi dejjem għożżejt il-ħajja kwieta, ħiemda, hienja fi ħdan il-familja. Minn dejjem għirt għar-raġel bieżel li jaħdem matul il-jum u jerġa' lura filgħaxija ħdejn martu w uliedu bħas-suldat li ġie lura għajjien imma rebbieħ wara t-taqtiegħa.

Lin-nisa ta' warajja bdejt nisthajjilhom l-omm, il-bint il-kbira u ż-żewġ ħutha żgħar, li ħallew ir-raħal u marru l-Belt (mawra sabiħa għal min jara kbir bħażżwiemel u bosta drabi l-ħajja ta' min jara kbir hi isbaħ u oħla) daru t-toroq igħarrxu mhux għall-ġawhar, id-deħbijiet u l-fided ta' Triq Santa Luċija, imma għall-ftit ħelu, il-ġugarelli żgħar u xi nofs tużżana pastizzi minn Triq San Pawl. Mawra bħal din għallfamilja kienet isbaħ mill-mewriet tiegħi f'Milan jew f'Lugano jew 'Monaku tal-Baviera qisni Onassis għal ftit ġimgħat, inħabbat wiċċi ma' bejjiegħa lpup, turisti keshin nofshom ilbies, u ħaddiema emigranti minn Sqallija, mill-Jugoslavja u mit-Turkija, jintnu ntejjen tal-pesti.

Qgħadt nistħajjilhom lil dawn in-nies kwieti, parrokkjali, ġejjin lura ferħanin wara li raw id-dinja lejn l-erba' gabubiet tar-Raħal, fuq ix-xwiek biex jirrakkuntaw x'raw lill-ġirien minn fuq is-setaħ jew minn fuq l-għatba, ferħanin li jerġgħu jaraw lil missierhom li s'issa wasal id-dar mix-xogħol u qed jistenniehom bl-istess ħerqa, l-omm tgergirlu mill-għoli tal-ħajja bħala apprezzament tax-xogħol li jagħmel li bih ilaħħqu mal-għajxien, ix-xebba tagħtih ħarsa li sserraħlu rasu li l-għajnejn tal-ġuvintur ta' Triq Irjali ma serqulhiex qalbha, u l-bniet iż-żgħar juruh il-ġugarelli li xtratilhom ommhom u jitfissdu miegħu u jħokku l-ġilda tarja roża mal-leħja tniggeż li laħqet kibritlu fuq ix-xogħol. Tnehidt u ħadt nifs 'il ġewwa: did-dinja mhix kiefra daqskemm ipinġuha sħabi l-kittieba (kull wieħed minna bl-imħatra min juriha kerha l-iktar u l-ħajja sabiħa għal min għandu sens ta' valuri).

Bqajt nistħajjel dix-xena ta' ġabra u hena, megħjun mill-ilħna ferrieħa li baqgħu ġejjin għala widnejja daqqa nifhimhom daqqa ma nifhimhomx imma kollox xorta għaliex il-qofol mhux it-tifsir ta' kliemhom iżda l-ferħ fit-ton li bih jitlissen. Tatni sfiċċa kemm-il darba nħares lura u nagħtihom tbissima t'approvazzjoni, imma trażżant għax ma ridtx nagħmilha tal-ħamallu u nħares f'wiċċ in-nies.

Xħin wasalna r-Raħal, ċempilt il-qanpiena biex ninżel fil-*bus stop* tas-soltu. Il-karrozza waqfet u qomt tista' tgħid kontra qalbi għax ix-xena kienet qed togħġobni wisq, u kif wasalt ħdejn l-istaffa ma rnexxilix ma nħarisx lura lejn dawk in-nies li kienu ħennewni bi kliemhom.

Aħjar ma nafx x'għamilt! Ma ridtx nemmen lil għajnejja: dik il-mara. . . .kienet waħda mill-qħab magħrufin tar-raħal u t-tfal ta' ħdejha ħadd ma jaf ta' min huma, hux tar-raġel li qiegħda miegħu jew talparruċċani li jiġu jżuruha minn barra mir-raħal.

Bid-diżappunt u bid-diżillużjoni għoddni tqerbibt it-tliet tarġiet ta' l-istaffa u jien u nħaffef lejn id-dar ma stajtx ma nħossnix ittradut. Dak il-ħolm kollu li bnejt fid-dlam ta' barra t-tieqa kien kollu msejjes fuq it-tafal u issa ġġarraf b'elf biċċa ħdejn saqajja. Għadabt miegħi nnifsi li kont tant beċċun li ftit ilħna mserdqin serquli qalbi u xegħlulli l-istħajjil għammiel tiegħi.

Imma mbagħad xħin dħalt fl-istudju qalb il-mijiet ta' kotba, waħdiet minnhom ħolqien tiegħi, il-kittieb ta' ġo fija għolla rasu u b'leħen imrieghex donnu ċanfarni:

Għalfejn das-swied il-qalb kollu? X'jimporta x'inhuma? Mhux bħan-nies, jewwilla l-ulied mhux kollha bl-istess mod jiġu fid-dinja, u ommhom li tgħajjixhom bil-ħlas ta' min jimtedd fil-friex magħha mhux bħall-ommijiet l-oħra tikseb flusha? Mur orqod ja bigotta, u tkunx daqshekk imgħaġġel biex tgħaddi ħaqq fuq għajrek!

Minn dak inhar 'l hawn il-karrozza tal-linja nirkibha b'moħħ imheġġi iktar għal kull ma jaħbat ma' widnejja. U terġa', minn dak iż-żmien 'l hawn iżżewwiġt u x-xeni hienja tal-ġabra u tal-familja m'għadnix nistħajjilhom fid-dlam ċappa ta' barra t-tieqa.

---

# *habta* ta' jos. felice pace

Ħbatt. F'erbatax-il sena sewqan qatt ma kien ġrali hekk. F'tebqa t'għajn sibt ruħi mkaħħal mal-karozza ta' quddiemi. Tort tiegħi. Mument ta' aljenazzjoni, ħarsa ġerrejja fil-ġenb, u saqajja ma niżlitx kemm kellha tinżel fuq il-brejk. Ħbatt.

Issa x'se jiġri? Darba, tlettax-il sena ilu, kont f'karozza li ħabtet ma' trakk daqshiex. Kull ma bqajt niftakar kien dell kbir ifeġġ minn xi mkien u mbagħad id-dlam. Ġejt f'sensija ftit wara — għandi naħseb; id-dell issa kien trakk ingastat fil-makna tal-Vauxhall li kont fiha. Iż-żewġ sewwieqa kienu milwija fuqi iżda kif raw li stejqirt it-tnejn bdew iħaqquha; ħadd ma kellu tort u weħlu t-tajn, iż-żlieq, ix-xita u bħas-soltu l-Gvern. L-agħar li marru, niftakar, kienu ta' l-insurance u jien li b'gundalla daqshiex kelli mmur id-dar għall-aħħar jum ta' l-"at home" ta' meta qaddes ħija.

Dik id-darba ma kelli ebda tort fil-ħabta. Imma din id-darba l-ħtija kienet tiegħi. X'fettilli nħares fil-ġenb biex nara karozza oħra li rajtha mitt u elf darba oħra? Min jaf? Il-karozza ta' quddiemi Fiat 128 ġdida kulur blu sabiħ kont rajtha tieqaf. Jien stess bdejt nagħfas il-brejk. u f'daqqa waħda smajt il-ħoss; bil-kemm ridt nem-

men li kont jien li ħbatt.

Ħriġt mill-karozza u rsaqt lejn is-sewwieq l-ieħor li, bħal imbellaħ, kien għadu ma ħariġx minn tiegħu. Għidtlu, "Skużani, sinjur, tort tiegħi. Ħadtek minn wara.' "Iva naf," qalli. Fetaħ il-bieba, ħareġ u rsaqna lura. Ħarisna lejn il-ħsara qisna tnejn li fhimu. Miegħu kellu tfajla. Ġiet ukoll u daqsna dehret li kienet tifhem.

"X'se nagħmlu? Jien comprehensive".

"Jien ukoll." Ħadna nifs żgħir.

"Niftiehmu. It-tort tiegħi, aljenajt ruħi. Rajtek wieqaf. Imma int m'għandekx wisq ħsara. Kemm kemm il-bumper misslek mal-body."

"Iva, aktar għandek ħsara int. Tiskanta kif il-but daħallek daqshekk. Ilha għandek?"

"Issa tliet snin u nofs u qatt ma ħbatt biha."

"Mhux bħali. Ilha tliet ġimgħat u fl-ewwel ġimgħa daħlu fija l-istess bħal-lum."

Waqa' s-skiet u mbagħad qalli bil-ħatfa: "Tridx immorru għand il-garaxx tiegħi?"

"Mhux aħjar iċċemplilhom?" għidtlu jien.

"Joe mur ċempel minn għandna," qalet it-tfajla.

Joe mar iċempel u t-tfajla u jien bqajna hemm, f'nofs it-triq tas-Savoy, kull min igħaddi l-ewwel iħares lejn iż-żewġ karozzi u mbagħad jagħti daqqa t'għajn bis-serqa lejna u jibqa' sejjer, donnu beżgħan li ma tmurx tiġri xi ħaġa hekk lilu. Konna qisna għassiesa, kultant nersqu lejn xulxin, ngħidu kelma ta' konfort u nerġgħu lura, bħal kieku biex ngħassu tajjeb li ħadd ma jmiss xejn.

Il-ħin beda għaddej. L-kliem sar inqas spiss u Joe ma deherx; kemm se jdum iċempel! "Jaqaw toqogħdu 'l bogħod?" "Le, wara l-kantuniera. M'għandux idum." Fil-karozza kelli ktieb. Ilu jiġri miegħi mill-inqas sena. Naqrah ftit ftit. Sa siefer xi darbtejn jew tlieta miegħi. Kotba oħra bdejthom u ħlisthom iżda dan ma stajtx. Dan l-aħħar ħsibt li fl-aħħar intemmu. Daħħalt idi mit-tieqa m'ftuħa, tellajtu u ftaħt fejn kont waqaft bil-kemm għoxrin minuta qabel fil-kwiet u x-xemx ta' l-Exiles. Bdejt naqra u l-karozzi dejjem għaddejjin, issa lejn tas-Sliema u issa lejn il-Belt imma mhux fl-istess ħin għax il-karozzi tagħna kienu għalqu nofs it-triq. Xi ħadd ftit nervuż jew mgħaġġel iżżejjed kont tisimgħu jagħfas il-ħorn biex ta' quddiemu jħaffef. Imbagħad jasal ħdejn il-karozzi tagħna u jsuq bil-mod — għax il-kurżità tegħleb.

Spiċċajt kapitlu; ma kienx twil, ħames paġni biss. Joe kien għadu jċempel minn wara l-kantuniera. Qallibt ħa nara kemm kien twil il-kapitlu ta' wara. Ħames paġni oħra. Għamilt il-kuraġġ — kull paġna mirbuħa u almenu kont nevita dawk l-għajnejn seksieka ta' min rani hemm għassa ta' karozza li ma' tistax tiċċaqlaq qabel ma jiġi Joe. Tkun taqra l-ħin ma tarahx. U, biex ngħid is-sewwa, il-qari kien minn dak li jnessik. Il-ħames paġni l-oħra għaddew ukoll u bdejt kapitlu ieħor. Ħlist l-ewwel paġna, nofs it-tieni Joe ġie.

"Ċempilt taf! Għidt lil ta' l-insurance."

"X'qalulek."

"Kollox sew imma qaluli nċempel lill-pulizija biex jiġu jieħdu l-qisien."

"Fejn ċempilt?"

"Il-Gżira."

"Bogħod minn hawn?"

"Kif iddur."

"M'għandniex ħafna ħsara."

"Le. Jien għandi aktar."

"Iva."

"Dak kif daħlet hemm il-papoċċa hux?"

"Min jaf! Donnu telgħet u niżlet."

Reġa' waqa' s-skiet u rġajt bdejt naqra. Il-puliz'ja ta' kif iddur ma waslux. It-tfajla għebet għal ftit, bħal moħħha mistrieħ li l-karozza kellha min igħassisha. Wara ftit ġiet lura ma' raġel ieħor, wiċċu mhux ġdid għalija. Ħares lejn il-karozzi u mbagħad lejja. Donnu għarafni. Nofs tislima. Ebda kelma. Komplejt naqra. Kien kapitlu itwal mill-oħrajn. Ilħaqt qrajt bilkemm paġna meta waslet karozza blu u minnha ħarġu żewġ pulizija.

"X'ġara sinjur?"

"Ħbatna. Minn fejn ġejjin?"

"Mill-għassa tas-Sliema. Ċemplulna mill-Gżira. Liema hi tiegħek?"

"Il-Volkswagen."

"Il-Fiat tiegħek sinjur?"

"Le tiegħi."

"X'ġara? Se tirranġaw?"

"Iva. Imma ta' l-insurance qalulna biex ngħidulkom."

"Kollox sew. Kien hemm xi sewqan żejjed? Kif kien il-każ?"

"Mort nieqaf, aljenajt ftit ruħi u m'għafastx il-brejk biżżejjed."

"M'għandekx wisq ħsara," qal wieħed mill-pulizija lil Joe; kien surġent.

"Le. L-aktar li għandi jien," qbiżt għidt jien imma s-surġent donnu b'Joe biss ried jaf.

"Tgħinni ftit nieħu l-qisien?"

Is-surġent ħareġ biro mill-but. F'idu kellu mazz karti bojod miżmumin flimkien mir-ras. Mela l-ħabta tiegħi kellha tinżel fl-annali ta' l-istorja. Il-pulizija l-ieħor għadda rotella lis-surġent u hu mar jidderieġi t-traffiku, issa jdur iwaqqaf dak ġej min-naħa ta' Tas-Sliema, issa dak ġej mill-Imsida. It-traffiku ġej mit-triq ta' ħdejn l-Istadium donnu ma kienx jgħodd. Meta kienet toħroġ xi karozza minn hemm is-sewwieq kellu jfendi għal rasu.

Is-surġent dar dawra maż-żewġ karozzi u reġa' ġie lejna. Ħsibt li ser jibda l-interrogatorju.

"Tgħinni ftit nieħu l-qisien?" tenna.

"Mela le," qal Joe.

Bħal donnu ftakar f'xi ħaġa s-surġent reġa' għal nofs it-triq. Imbagħad beda jpinġi.

Għamel sinjal dritt kemm seta' minn fuq għal isfel tal-karta. U mbagħad ġibed ieħor ħdejh. Ta' l-ewwel, ħsibt, kienet il-bankina. L-ieħor kien il-ħajt. Imbagħad beda x-xogħol tal-pjanta tal-ħabta.

L-ewwel il-Fiat. Kaxxa tawwalija, biżżejjed proporzjonata għad-daqs tal-karozza. Vleġġa bil-ponta fin-nofs tal-linja ta' quddiem u oħra fin-nofs tal-linja ta' wara kienu suppost juru fejn hu n-nofs tal-karozza.

Is-surġent imbagħad dar lejn il-karozza tiegħi. Kaxxa tawwalija, bejn wieħed u ieħor daqs l-oħra. Ħsibt li flok kaxxa ser jagħmel xi ħaġa ovali biex taqbel mal-forma tal-Volkswagen tiegħi. Tgħid il-liġi ma tagħmilx differenza bejn l-ovali u d-dritt? Għax linji dritti għamel, u biż-żewġ vleġeġ bħal qabel.

Reġa' ġie fuq Joe. "Nieħdu l-qisien?"

"Mela le." Joe daqsi kellu ħerqa biex jeħles. Qabad it-tarf tal-qies u hu jżommu ma' fejn jgħidlu s-surġent u dan ikejjel. Issa minn ras il-Fiat u issa minn dahar il-Volkswagen. Il-pjanta mtliet bis-sinjali u n-numri. Ħdax-il pied minn hawn, sitta minn hemm, tlieta minn hawn. Imbagħad il-qies tal-wisgħa tat-triq. U fl-aħħar daqqa ta' pinna. Is-surġent iffirma.

Dar fuqi. "X'jismek, eċċ, missierek . . . . ommok, fejn twelidt, fejn toqgħod, l-istess. Il-liċenzja."

"Mhix fuqi."

"Lanqas l-insurance?"

"Lanqas, inċemplilkom il-lejla; int tkun tas-Sliema hux? Għal min insaqsi?"

"Għas-surġent. . . Tinsiex jekk jogħġbok."

"Is-sinjur?" u dar fuq Joe.

L-istess proċess, ismek, eċċ. . . Joe kien ġa ħareġ il-liċenzja u l-insurance. Kien taħom lir-raġel li kont naf mill-wiċċ; dan uriehom lis-surġent bħal kieku ma kienx ġie biex iħares biss.

Is-surġent reġa' ffirma. Kollox mitmum.

Dar lejna u b'leħen ta' wieħed qed jaqdi dmiru qalilna, "Aħna m'għandniex x'naqsmu ma' kif tirranġaw. Aħna qegħdin biss għall-kontravenzjonijiet."

"Iva, surġent."

Imbagħad strieħ u qalilna: "Ikollkom bżonn xi ħaġa. . . ."

"Grazzi."

Marru lejn il-karozza, il-pulizija l-ieħor isuq u s-surġent bil-biro bejn snienu.

Jien, bil-ktieb għadu f'idi, rsaqt lejn Joe. Kien it-tort tiegħi. "Fejn insibek għada".

"Jien inkun il-Belt, il-ħanut."

"Ngħaddilek fil-għodu."

"Tajjeb."

Dħalna fil-karozzi u soqna, t-tnejn wara xulxin, lejn il-Belt.

Issa naf x'jiġri meta taħbat.

---

## DILEMMA

It-twerdin ta' l-insetti
fl-arja fgata
bid-dħaħen tal-makni
ta' xemx sajfija
u bis-sħana
ifakkarni
fil-ħsibijiet imtaqtqa
għaddejjin iżarżru minn moħħi
għajjien u mdejjaq
jissielet mal-ostakli
imqanqla mit-taħbila
tal-ħajja.

**Lolly Farrugia**

# Premju Rothmans 1974 -- konkors ta' rumanzi

## PREMJU U REGOLAMENTI

1. Ir-rebbieħ tal-Premju Rothmans 1974 jingħata s-somma ta' £M100.
2. Ix-xogħol rebbieħ jiġi stampat għas-spejjes tad-ditta Rothmans of Pall Mall (Malta) Limited u tal-MOVIMENT QAWMIEN LETTERARJU. Mhux aktar minn 1,000 kopja jiġu stampati.
3. Il-profitti mill-bejgħ ta' l-ewwel elf kopja tar-Rumanz jinżammu mill-Moviment Qawmien Letterarju li jżomm il-**Copyright** ta' l-ewwel stampa, u l-jedd li, f'konsultazzjoni mal-awtur, jitlob titjib jew addattament għal raġuniiet tekniċi u letterarji.
4. L-awtur jinżamm responsabbli għal kull ksur ta' **Copyright** eżistenti jew għall-oriġinalità tax-xogħol tiegħu.
5. Il-**Copyright** jingħata lura lill-awtur wara l-ewwel elf kopja jinbiegħu.
6. Ir-rumanz ikun xogħol oriġinali bil-Malti u li qatt ma ġie ppublikat jew imxandar. Tingħata preferenza lil xogħlijiet li juru żvilupp fil-kitba tar-rumanz Malti u li jittrattaw suġġetti jew problemi li huma qrib il-bniedem fis-seklu 20, jew li għad għandhom rilevanza għall-problemi jew għażliet li għandha s-soċjetà tal-lum.
7. Ir-Rumanzi m'għandhomx ikunu iqsar minn 250 paġna ttajpjati fuq karti "Quarto" bi spazju doppju u mhux aktar minn 400 paġna.
8. Iridu jintbagħtu mhux anqas minn 3 kopji ta' kull rumanz imdaħħal għall-konkors.
9. L-awtur irid jissottometti wkoll "Synopsis" tar-rumanz tiegħu li fih jagħti ħjiel ta' l-iżvolġiment tas-suġġett mill-bidu sa l-aħħar. Dan is-"Synopsis" m'għandux ikun itwal minn 3 paġni "Quarto", ittajpjati bi spazju doppju.
10. Ma hemm l-ebda limitu għan-numru ta' xogħlijiet li jistgħu jittressqu minn kull awtur..
11. Ix-xogħlijiet imressqa, flimkien mas-"Synopsis", ma jrid ikollhom l-ebda ħjiel ta' l-isem ta' l-awtur. L-isem u l-indirizz ta' l-awtur jintbagħtu f'envelop magħluq. Fuq in-naħa ta' barra ta' dan l-envelop irid ikun hemm biss l-isem tar-Rumanz.
12. Ix-xogħlijiet iridu jaslu għand:

    The General Manager
    Rothmans of Pall Mall (Malta) Limited
    69 Dingli Street
    Sliema

    mhux aktar tard minn nofsinhar tat-30 ta' Marzu 1974.
13. Lejn tmiem id-data ta' l-għeluq, il-kumitat Organizzattiv jaħtar Ġurija esperta ta' 3 min-nies. Ix-xogħol ta' din il-Ġurija, li tiġi mħabbra wara d-data ta' l-għeluq, ikun li tibda biex tipprepara **"short list"** ta' l-aħjar xogħlijiet li tressqu għall-konkors fuq il-bażi ta' paragrafu numru (6) ta' hawn fuq. Ix-xogħlijiet li jibqgħu fuq din ix-**"short list"** imbagħad jiġu studjati minn din l-istess ġurija u minn ġurija oħra sigrieta wkoll ta' 3 min-nies, li tkun magħżula minn membri kwalifikati tal-publiku.

    L-għażla ta' din it-tieni ġurija ssir minn fost membri tal-publiku b'livell sodis-

faċenti ta' edukazzjoni, u li m'humiex attivi fil-qasam letterarju.

14. F'data li tiġi mħabbra, iżda li jekk jista' mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju, 1974, issir seduta publika tal-Ġurija f'post li jkun jista' jilqa' lil dawk kollha interessati. Matul din is-seduta, kull membru tal-Ġurija esperta, u l-Ġurija sigrieta (li jitħabbru dak il-ħin stess) jesprimi l-għażla tiegħu f ordni ta' preferenza. Ix-xogħol li l-aktar jikseb preferenzi jiġi ddikjarat rebbieħ.

15. Ħadd mill-Kumitat Organizzativ ma jista' jidħol għal dan il-Konkors.

16. Kull kuntatt mhux leċitu mal-membri tal-Kumitat Organizzativ jew tal Ġurija minn xi konkorrent iwassal għall-iskwalifika tax-xogħol jew xogħlijiet tal-konkorrent.

17. L-interpretazzjoni u t-twettiq ta' dawn ir-regolamenti hija biss responsabbiltà tal-Kumitat Organizzativ u tal-Ġurija.

18 M'hemm ebda dritt ta' appell għad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Organizzativ u tal-Ġurija.

19. Kull min jidħol għal dan il-konkors jitqies awtomatikament bħala li qara, fehem u aċċetta dawn ir-regolamenti, u li għalhekk huwa marbut bihom.

---

# el matador

bizzilla bajda minsuġa minn swaba' għalliema
xekklu lil ġwienaħ għajjiena, u għasru
għanqud għadam f demm;
skeletru jperper, imrekken
jistenna li jitwalu l-passi, mtaqqla biż-żmien.
Imbagħad il-ħsieb demma'
l-għollieq għoli mkasbar, li serraħ il-ġerħa
u ħonoq it-triq,
tul wiċċ il-mejda, uċuh bil-qiegħda
nofshom imkeffna, nofshom għarwiena
għanqbud fl-irkejjen, igħarblu l-imrieżaq ta' dawl
xbiek is-sajjied, jassar il-ħut iswed
u beżaq 'il barra l-bebbux mal-qiegħa,
u gemgem li iebes, bla qatt ma kien messu,
l-għeruq midfuna li waqfu l-balluta
ċedew taħt it-toqol ta' l-art, u raddiet tul wiċċ il-ħamrija
ma raddewx lura, għajr nifs irqiq
li ntilef ma' l-irkejjen tar-riħ,
il-balluta mneżżgħa, il-bufula bejtet ġo fiha,
sa ma x-xitwa niżlet, u l-għasfura fettxet kenn ieħor,
il-ħaddejn somor taż-żeffiena fil-plaża
sfaru, meta l-barri ċarrat sider Juanito fl-arena
'mma l-folla għamja madwaru għajtet 'ole'.

**Ġorġ Apap.**

**Lux Press — Hamrun**